Nru./No. 20,253
Prezz/Price
€8.28

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2019
Friday, 23rd August, 2019

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 20,861 - 20,879
Government Notices ..... *20,861 - 20,879*

Avviżi tal-Pulizija ..... 20,879 - 20,880
Police Notices ..... *20,879 - 20,880*

Avviżi lill-Baħħara ..... 20,880 - 20,883
Notices to Mariners ..... *20,880 - 20,883*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 20,883 - 20,976
Employment Opportunities ..... *20,883 - 20,976*

Avviżi tal-Gvern ..... 20,976 - 21,019
Notices ..... *20,976 - 21,019*

Offerti ..... 21,019 - 21,034
Tenders ..... *21,019 - 21,034*

Avviżi tal-Qorti ..... 21,034 - 21,040
Court Notices ..... *21,034 - 21,040*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1020

ATT TAL-2005 DWAR L-ARKIVJI NAZZJONALI

Ħatra tal-Kunsill tal-Arkivji Nazzjonali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 14 tal-Att tal-2005 dwar l-Arkivji Nazzjonali u għall-finijiet ta' dan l-Att, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol approva l-ħatra tal-Kunsill tal-Arkivji Nazzjonali, għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta'Awwissu, 2019, kif ġej:

Chairperson
Prof. William Zammit

Membri
Is-Sur Joseph Magro Conti
Dott. Anthony De Giovanni
Is-Sa Maroma Camilleri
Is-Sa Joyce Dimech
Mons. Ġwann Azzopardi
Dott. Lillian Sciberras
Is-Sur Max Farrugia
Dott. Joan Abela

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1021

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAJD U AKKWAKULTURA)

IL-KUMMISSJONI dwar is-Servizz Pubbliku taqbel, skont artiklu 92(4) tal-Kostituzzjoni, mal-ħatra proposta tas-Sur Bjorn Callus bħala Aġent Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura) fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, b'seħħ mit-13 ta' Awwissu, 2019, sat-30 ta' Novembru, 2019.

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1022

KONSLU ONORARJU TA' MALTA F'SAN MARINO

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Gvern ta' Malta ħatar lis-Sinjur Maurizio De Biagi bħala Konslu Onorarju ta' Malta f'San Marino.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li ġej:

GOVERNMENT NOTICES

No. 1020

NATIONAL ARCHIVES ACT, 2005

Appointment of the National Archives Council

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 14 of the National Archives Act of 2005, and for the purpose of this Act, the Minister for Education and Employment has approved the appointment of the National Archives Council, for a period of three years with effect from the 1st August, 2019, as follows:

Chairperson
Prof. William Zammit

Members
Mr Joseph Magro Conti
Dr Anthony De Giovanni
Ms Maroma Camilleri
Ms Joyce Dimech
Mons. Ġwann Azzopardi
Dr Lillian Sciberras
Mr Max Farrugia
Dr Joan Abela

23rd August, 2019

No. 1021

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (FISHERIES AND AQUACULTURE)

THE Public Service Commission concurs, in terms of article 92(4) of the Constitution, with the proposed appointment of Mr Bjorn Callus as Acting Director General (Fisheries and Aquaculture) in the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, with effect from 13th August, 2019, to 30th November, 2019.

23rd August, 2019

No. 1022

HONORARY CONSUL OF MALTA IN SAN MARINO

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Mr Maurizio De Biagi as Honorary Consul of Malta in San Marino.

The Honorary Consulate is situated at:

Via Torsano, 11
47890, Murata
San Marino

Numru tat-telefown: 0039 0549 910 711

Indirizz elettroniku: (maltaconsul.sanmarino@gov.mt)

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1023

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Anthony Abela bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela u dan għall-perjodu bejn it-13 ta' Awwissu, 2019. u t-18 ta' Awwissu, 2019.

Illum, il-21 ta' Awwissu, 2019

JANET CALLEJA
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Via Torsano, 11
47890, Murata
San Marino

Telephone number: 0039 0549 910 711

Email: (maltaconsul.sanmarino@gov.mt)

23rd August, 2019

No. 1023

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Anthony Abela to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sam Abela for the period between the 13th August, 2019, and the 18th August, 2019.

Today, the 21st day of August, 2019

JANET CALLEJA
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1024

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara li l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt qegħdin jiġu inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata (kif jidher fuq il-mappa f'paġna 20,863), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:

Mappa 1	Proprjetajiet bla Numru	Triq Ġużeppi Bajada	Ix-Xagħra	Grad 2 (il-partijiet l-antiki biss)

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-23 ta' Awwissu, 2019

No. 1024

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)


Scheduling of Property

THE Planning Authority is hereby declaring the properties mentioned hereunder as included in the List of Scheduled Property (as shown on the map on page 20,863) in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) as follows:

Mappa 1	Proprjetajiet bla Numru	Triq Ġużeppi Bajada	Ix-Xagħra	Grad 2 (il-partijiet l-antiki biss)

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to scheduled property.

23rd August, 2019


Ta' Bullara
TRIQ ĠUŻEPPI BAJADA
Ta' Bullara
TRIQ IL-ĠEBLA TA' BULLARA
TRIQ
0
0.025
0.05
0.1
Km
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Miscellaneous 2019
Legend:
Propjetajiet bla Numru,
Triq Ġużeppi Bajada,
Ix-Xagħra,
Għawdex
(Il-partijiet l-antiki biss)
GRADE 2
Ref. No.: GF 0240/19
Map No.: 1

Nru. 1025

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Ħal Għaxaq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1025

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ħal Għaxaq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
ĦAL GĦAXAQ

TRIQ TAL-MILLIERI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Fejġel

Left side entering from Triq il-Fejġel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Fejġel

Right side entering from Triq il-Fejġel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	2
18, Dar il-Ġilju	4
Tulip Court	6
Bieb bla numru (Dar)	8
Garaxx	10
Casa Testaferrata	12
De Noto (Flettijiet)	14
Bieb bla numru	16
Garaxx	18
Sit bla bini	20
Sit bla bini	22
Bieb bla numru	24
4, Clover Leaf	26
Tal-Millieri Apts, Blk B	28
Bieb bla numru	30
3, Mon Rève	32
2, Safe Haven	34
Bieb bla numru	36
Tal-Millieri Apts, Blk A	38
1, Stretford End	40
Daħla għall-garaxxijiet	42
Sit bla bini	44
Sit bla bini	46
Garaxx	48
Garaxx	50
Golden Silence	52
Childcare Centre	54
Argento Flats	56
Garaxx	58

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bianconeri	60
Garaxx	62
Sit bla bini	64
Sit bla bini	66
Sit bla bini	68
Sit bla bini	70
Sit bla bini	72
Sit bla bini	74
Sit bla bini	76
Sit bla bini	78
The Linnets	80
Garaxx	82
Grada	84
Bieb bla numru (Dar)	86
Garaxx	88
Garaxx	90

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1026

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSAXLOKK

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Marsaxlokk, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

23rd August, 2019

No. 1026

NUMBERING OF DOORS AT MARSAXLOKK

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Marsaxlokk, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

MARSAXLOKK

TRIQ DUNCAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda

Left side entering from Xatt is-Sajjieda

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ristorant	1
Garaxx	3
Duncan Guest House	5
Garaxx	7
Bieb bla numru	9
Ħanut	11
Bieb bla numru	13
Sit bla bini	15
Sit bla bini	17
Bieb bla numru	19
Garaxx	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Xatt is-Sajjieda

Right side entering from Xatt is-Sajjieda

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ristorant	2
Bieb bla numru	4
Bieb bla numru	6
Ħanut	8
Bieb bla numru	10
Ħanut	12

It-23 ta' Awwissu, 2019

23rd August, 2019

Nru. 1027

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1008, tal-21 ta' Novembru, 2008, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Birżebbuġa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1027

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1008, dated 21st November, 2008, under the title 'Renumbering of Doors at Birżebbuġa', the following amendments in **bold** should be made.

BIRŻEBBUĠA

6. TRIQ F.M. FERRETTI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Salvatore Cachia Zammit

Left side entering from Triq Salvatore Cachia Zammit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Salvatore Cachia Zammit

Right side entering from Triq Salvatore Cachia Zammit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	100
Madonna Tal-Karmnu	102
Garaxx	104
Garaxx	106

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
100	100
Daħla għall-garaxxijiet	**102**
Chiaro Scuro	**102A**
Bieb bla numru	**102B**
Wild Rose Court	**104**
Wild Rose, Mais. 1	**104A**
Garaxx	**104B**
106 (Garaxx)	106

It-23 ta' Awwissu, 2019

23rd August, 2019

Nru. 1028

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 708, tat-3 ta' Ottubru, 1997, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1028

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 708, dated 3rd October, 1997, under the title 'Renumbering of Doors at Marsaskala', the following amendments in **bold** should be made.

MARSASKALA

17. TRIQ IL-GROSS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Ħabberxa

Left side entering from Triq il-Ħabberxa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Ħabberxa

Right side entering from Triq il-Ħabberxa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4, Merlow	158
Sit bla bini	160
Sit bla bini	162
Garaxx	164

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		158, **Sardinella**	158
		Garaxx	**160**
		That's Amore	**162**
		164 (Garaxx)	164

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1029

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1349, tas-16 ta' Novembru, 2018, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Marsaskala', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

23rd August, 2019

No. 1029

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1349, dated 16th November, 2018, under the title 'Numbering of Doors at Marsaskala', the following amendment in **bold** should be made.

MARSASKALA

TRIQ IL-KATAKOMBI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Grigal
Left side entering from Triq il-Grigal

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
37, Castille Place	29
Daħla għall-garaxxijiet	31
Zinja (Garaxx)	33

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Grigal
Right side entering from Triq il-Grigal

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
29, Castille Place	29
Daħla għall-propjetajiet	31
33, Zinja (Garaxx)	33

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1030

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMQABBA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 945, tas-27 ta' Novembru, 2000, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien fl-Imqabba', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

23rd August, 2019

No. 1030

NUMBERING OF DOORS AT L-IMQABBA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 945, dated 27th November, 2000, under the title 'Renumbering of Doors at L-Imqabba', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMQABBA

33. TRIQ IS-SALJATURA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq iż-Żurrieq
Left side entering from Triq iż-Żurrieq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq iż-Żurrieq
Right side entering from Triq iż-Żurrieq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
St Joseph	12

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		M. Lourdes	14
		Garaxx	16
		Bieb bla numru (Dar)	18
		Notre Nid	20

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		12, St Joseph	12
		Daħla għall-garaxxijiet	**14**
		Bieb bla numru	**14A**
		Maria Lourdes	**14B**
		Garaxx	16
		Bieb bla numru (Dar)	18
		20, Notre Nid	20

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Nirvana	36
		Garaxx	38
		Sit bla bini	40
		Sit bla bini	42
		Garaxx	44
		El Dorado	46
		Geelong	48
		Garaxx	50
		Carmen	52

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		36, Nirvana	36
		38 (Garaxx)	38
		Garaxx	**40**
		November Blossom	**42**
		Garaxx	**44**
		Bieb bla numru (Dar)	**46**
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**48**
		Daħla għall-garaxxijiet	**48A**
		Geelong Flats	**50**
		52, Carmen	52

Nru. 1031

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 686, tal-25 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1031

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 686, dated 25th August, 2000, under the title 'Renumbering of Doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

4. TRIQ IL-BARRAKKI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Pietru

Left side entering from Triq Dun Pietru

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Pietru

Right side entering from Triq Dun Pietru

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	64
Bieb Imbarrat	66
Garaxx	68
89	70
88	72

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
64 (Garaxx)	64
Daħla għall-garaxxijiet	**66**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**68**
Garaxx	**70**
72	72

32. TRIQ SAN BASTJAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Vitorja

Left side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Vitorja

Right side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4A, St Albert House	178
Ħanut	180
Ħanut	182

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
178, St Albert House	178
Bieb bla numru	**178A**
180 (Ħanut)	180
Bieb bla numru	**180A**
182 (Ħanut)	182

Nru. 1032

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Emenda fl-Iskema ta' Għotjiet mill-Gvern għax-Xiri ta' Vetturi Aċċessibbli għal Siġġijiet bir-Roti biex Jintużaw bħala Taxis jew Vetturi għall-Kiri bix-Xufier jew Vetturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri

IL-MINISTRU għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali jagħmel referenza għall-pubblikazzjoni tal-"Għotjiet mill-Gvern għax-xiri ta' Vetturi Aċċessibbli għal Siġġijiet bir-Roti biex jintużaw bħala Taxis jew Vetturi għall-Kiri bix-Xufier jew Vetturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri" fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 121 tal-2019 ("l-Ewwel Pubblikazzjoni").

Il-Ministru jixtieq jinforma lill-applikanti prospettivi kollha li l-għotja finanzjarja mħabbra fl-Ewwel Pubblikazzjoni qed tiġi emendata sabiex l-applikabbilità tal-5 għotjiet oriġinalment maħsuba għat-taxis biss tkun estiża għall-vetturi kollha li jaqgħu fl-iskop ta' din l-iskema. Għal dan il-għan, l-iskema emendata li ġejja għandha tapplika:

Għotjiet mill-Gvern għax-xiri ta' Vetturi Aċċessibbli għal Siġġijiet bir-Roti biex jintużaw bħala Taxis jew Vetturi għall-Kiri bix-Xufier jew Vetturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri.

Il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qed iniedi inċentiv f'forma ta' għotjiet finanzjarji għal liċenzjar bħala Taxis, jew Vetturi li jinkrew bix-Xufier, jew Vetturi għall-Ġarr ta' Passiġġieri ta' vetturi ġodda fil-Kategorija M1 jew M2 li jkunu aċċessibbli għal Siġġijiet bir-Roti bil-ħsieb li persuni li jagħmlu użu minn siġġijiet bir-roti jkollhom aċċess faċli u mingħajr bżonn ta' għajnuna għal dawn is-servizzi tat-trasport.

Permezz ta' din l-iskema persuni li huma sidien ta' liċenzja ta' Taxi, ta' liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku għall-Kiri ta' Vetturi bix-Xufier jew ta' Liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri jistgħu jirċievu għotja li tammonta għal €10,000 meta jilliċenzjaw vettura ġdida fil-kategorija M1 jew M2 li tkun aċċessibbli għal siġġu bir-roti biex topera bħala Taxi, jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, jew bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri u fl-istess ħin ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura fil-Kategorija M1, N1 jew M2 oħra li jkollha mill-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha, li kellha liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin u li tkun irreġistrata u lliċenzjata f'isimhom.

L-iskema għandha titqies li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2019, u għandha tkun limitata għal 5 vetturi – taxis, vetturi għall-kiri bix-xufier jew vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri – fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. L-iskema

No. 1032

MINISTER FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Amendment of Government Grant Scheme on the Purchase of Wheelchair Accessible Vehicles to be Used as Taxis or Vehicles for Hire with a Driver or Passenger Transport Vehicles

THE Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects makes reference to the publication of the "Government Grant on the purchase of Wheelchair Accessible Vehicles to be used as Taxis or Vehicles for Hire with a Driver or Passenger Transport Vehicles" in the Government Notice No. 121 of 2019 (the "First Publication").

The Minister would like to inform all prospective applicants that the financial grant published in the First Publication is being amended in order to extend the applicability of the 5 grants originally intended for taxis to the other types of vehicles falling within the scope of the grant. In this respect, the following amended scheme shall apply:

Government Grant on the purchase of Wheelchair Accessible Vehicles to be used as Taxis or Vehicles for Hire with a Driver or Passenger Transport Vehicles.

The Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, together with the Authority for Transport in Malta, is offering an incentive in the form of a financial grant for the licensing as Taxis, or Vehicles for Hire with a Driver, or Passenger Transport Vehicles of new M1 or M2 Category vehicles which are wheelchair accessible so that persons who make use of wheelchairs may have easy and unaided access to these transport services.

Through this scheme persons who own a Taxi licence, a Public Service Garage licence for the hiring of Vehicles with a Driver or an Operator's Licence for the Carriage of Passengers by Passenger Transport Vehicles may receive a grant amounting to €10,000 when licensing a new M1 or M2 Category vehicle which is wheelchair accessible to be used as a Taxi, or as a Vehicle for Hire with a Driver or as a Passenger Transport Vehicle, and at the same time de-register another M1, N1 or M2 category vehicle which is at least 10 years old from its year of manufacture, which had a valid circulation licence issued in Malta for the past five years and which is registered and licensed in their name.

The amended scheme is deemed to have come into effect on the 1st of June, 2019, and shall be limited to 5 vehicles – Taxis, Vehicles for Hire with a Driver or Passenger Transport Vehicles – on a first come first served basis. The scheme shall

tibqa' miftuħa sal-31 ta' Dicembru, 2019, jew sakemm jiġi eżawrit il-baġit allokat għaliha li jammonta għal €50,000.

Il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema huma bla preġudizzju għall-ħtiġijiet stipulati fir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (L.S.499.59), fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.11); fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56) u l-Policy viġenti tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' Garages ta' Servizz Pubbliku (PSG); u dawn il-ħtiġijiet għandhom japplikaw dejjem u f'kull ħin sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-Iskema

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

'applikant' tfisser l-individwu privat, kumpanija reġistrata jew soċjetà bi sħubija li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li tkun sid ta' Liċenzja ta' Taxi, jew sid ta' Liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku għall-Kiri ta' Vetturi bix-Xufier, jew sid ta' Liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

'l-Awtorità' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'vettura fil-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

'vettura fil-Kategorija M2' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq, u li għandha piż massimu li ma jaqbiżx il-5 tunnellati;

'vettura fil-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li l-ogħla massa tagħha ma tkunx aktar minn 3.5 tunnellati;

'ċertifikat ta' konformità' tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE, maħruġ mill-manifattur u li jiċċertifika li vettura li tappartjeni għas-serje tat-tip approvat skont dik id-Direttiva tikkonforma mal-atti regolatorji kollha fil-mument tal-produzzjoni tagħha;

'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura bil-mutur fil-Kategorija M1, N1 jew M2 li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

remain open until the 31st of December, 2019, or until the allocated budget of €50,000 is exhausted.

The conditions of this scheme are without prejudice to the requirements stipulated in the Taxi Services Regulations (S.L.499.59), the Motor Vehicles Regulations (S.L.65.11), the Passenger Transport Services Regulations (S.L.499.56) and the Authority for Transport in Malta's standing Policy concerning the issuing of licences for Public Service Garages (PSG); and such requirements shall apply at all times unless otherwise specified.

The Scheme

1. Interpretation

For the purpose of this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the individual person, registered company or partnership applying for the grant under this scheme and who is the owner of a Taxi Licence, a Public Service Garage licence for the Hiring of Vehicles with a Driver, or an Operator Licence for the Carriage of Passengers;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

'Category M2 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons comprising more than eight seats in addition to the driver's seat, and having a maximum mass not exceeding 5 tonnes;

'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

'certificate of conformity' means the document set out in Annex IX of Directive 2007/46/EC, issued by the manufacturer and certifying that a vehicle belonging to the series of the type approved in accordance with that Directive complied with all regulatory acts at the time of its production;

'de-registered vehicle' means a Category M1, N1 or M2 motor vehicle which has been de-registered;

'tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi reġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

'de-registration' means the permanent removal of a motor vehicle from its registration with the Authority for Transport in Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

'Euro standard' tfisser u tikkorrispondi mad-dati stabbiliti fid-Direttivi u Regolamenti korrenti tal-UE li jistabbilixxu l-limiti ta' emissjoni għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda;

'Euro Standard' means and corresponds to the dates set out in the current EU Directives and Regulations establishing emission limits for the registration of new motor vehicles;

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti sabiex tkun illiċenzjata bħala Taxi, jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, jew bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri;

'grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a wheelchair accessible vehicle to be licensed as a Taxi, or as a Vehicle for Hire with a Driver, or as a passenger transport vehicle;

'liċenzja' tfisser il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni li tinħareġ fuq vettura bil-mutur biex tkun tista' tinsaq fit-triq u li tkun trid tiġġedded kull sena;

'licence' means the circulation licence issued on a motor vehicle to be driven on the road and which is to be renewed annually;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'Malta' means the Maltese Islands;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'vettura ġdida' tfisser vettura li qatt ma ġiet reġistrata qabel f'ebda pajjiż;

'new motor vehicle' means a motor vehicle which has never been registered in any country;

'liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri' tfisser liċenzja sabiex ikunu mħaddma vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri skont kif stipulat fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S.499.56);

'operator licence for the carriage of passengers' means a licence to operate passenger transport vehicles in accorance with the Passenger Transport Services Regulations (S.L.499.56);

'soċjetà bi sħubija' tinkludi assoċjazzjoni, li mhix reġistrata taħt l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386), bejn żewġ persuni jew aktar;

'partnership' includes an association, which is not registered under the Companies Act (Cap.386), between two or more persons;

'vettura għall-ġarr ta' passiġġieri' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S.499.56);

'passenger transport vehicle' has the same meaning as is assigned to it in the Passenger Transport Services Regulations (S.L.499.56);

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

persuna' tfisser persuna fiżika;

'person' means a natural person;

'liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-regolament 62 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11);

'Public Service Garage Licence' has the same meaning as is assigned to it in regulation 62 of the Motor Vehicles Regulations (S.L. 65.11);

'Public Service Garage (PSG) Policy' tfisser dokument maħruġ mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta li jistipula l-kundizzjonijiet għall-ħruġ u t-tħaddim ta' liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku;

'kumpanija reġistrata' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386);

'sid reġistrat' tfisser il-persuna, kumpanija reġistrata jew soċjetà bi sħubija li f'isimha vettura tkun ġiet reġistrata mill-Awtorità;

'liċenzja ta' Taxi' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (L.S. 499.59);

'vettura għall-Kiri bix-Xufier' tfisser vettura bil-mutur reġistrata taħt liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku sabiex tinkera bix-xufier u, sakemm ma jkunx speċifikat b'mod ieħor, ma tinkludix vettura li tinkera għall-iskop li tiġi misjuqa minn min jikriha (self-drive);

'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġ mill-Awtorità li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija reġistrata;

'vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti' tfisser vettura bil-mutur fil-kategorija M1 jew M2 li jkollha aċċess faċli u bla għajnuna lil persuni li jagħmlu użu minn siġġijiet bir-roti.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1 L-iskema tapplika għal kull persuna li tkun residenti f'Malta, għal kumpaniji reġistrati u soċjetajiet bi sħubija jekk dik il-persuna, kumpanija jew soċjetà:

tkun is-sid reġistrat ta' liċenza ta' Taxi; jew

tkun is-sid ta' liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku; jew

tkun is-sid ta' liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri; u

tkun sid reġistrat ta' vettura bil-mutur M1, N1 jew M2 li għandha mill-anqas 10 snin mis-sena tal-manifattura u li kellha liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin, sakemm dik il-vettura tibqa' hekk reġistrata u bil-liċenzja sad-data tal-applikazzjoni għall-għotja, u li titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin li tiġi reġistrata l-vettura li tkun aċċessibbli għal siġġu bir-roti.

2.2. Kull persuna, kumpanija reġistrata jew soċjetà bi sħubija tkun intitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

'Public Service Garage (PSG) Policy' means a document published by the Authority for Transport in Malta which lays down the conditions for the issuing and running of a Public Service Garage Licence;

'registered company' has the same meaning as is assigned to it under Article 2 of the Companies Act (Cap. 386);

'registered owner' means the person, registered company or partnership in whose name a motor vehicle is registered by the Authority;

'Taxi licence' has the same meaning as is assigned to it in the Taxi Services Regulations (S.L.499.59);

'Vehicle for Hire with a Driver' means a motor vehicle registered under a Public Service Garage Licence so that it may be hired out with a driver and, unless otherwise specified, does not include a self-drive vehicle for the purpose of being driven by the hirer;

'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by the Authority providing proof of registration of the motor vehicle;

'wheelchair accessible vehicle' means an M1 or M2 category motor vehicle that allows easy and unaided access to persons who make use of wheelchairs.

2. Area of applicability

2.1 The scheme applies to persons residing in Malta, to registered companies and partnerships if that person, company or partnership:

is the registered owner of a Taxi licence; or

is the holder of a Public Service Garage licence; or

is the holder of an Operator Licence for the Carriage of Passengers; and

is the registered owner of an M1, N1 or M2 motor vehicle which is at least 10 years old from the year of manufacture and which had a valid circulation licence issued in Malta for the past five years, provided that such vehicle shall continue to be so registered and licensed until the date of application of the grant, and is de-registered at the time of the registration of the wheelchair accessible vehicle.

2.2. Every person, registered company or partnership shall be entitled to only one grant under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents

(i) Il-proċess li ġej għandu japplika għal applikazzjoni għall-għotja taħt din l-iskema:

(a) Fil-każ li l-vettura li tiġi ordnata diġà addattata b'aċċess għal siġġu bir-roti:

i. Qabel ma ssir l-ordni tal-vettura, l-applikant għandu jippreżenta dawn id-dokumenti għall-approvazzjoni tal-Awtorità:

id-dettalji tekniċi tal-vettura;

il-formola WAV1 mimlija kif suppost u ffirmata mill-applikant;

dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-applikant;

dettalji tal-vettura li se tkun se titneħħaa mir-reġistrazzjoni.

ii. Meta ssir l-ordni għall-vettura l-applikant għandu jippreżenta lill-Awtorità kopja tal-ordni sabiex tkun l-għotja tal-flus riservata f'ismu;

iii. Meta l-vettura tasal Malta, l-aġent jew l-applikant għandu jippreżenta ċ-ċertifikat ta' konformità, li jkun juri n-numru tax-xaċi u d-dettalji tekniċi tal-vettura sabiex din tkun tista' tiġi rreġistrata u liċenzjata għall-użu fit-triq;

iv. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Taxi, l-applikant għandu jippreżenta wkoll il-formola TX-A1 fejn jindika x'se jsir mill-vettura li tkun irreġistrata taħt il-Liċenzja tat-Taxi sa dak il-mument;

v. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, l-applikant għandu jippreżenta l-iktar ċertifikat riċenti tal-liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku;

vi. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri, l-applikant għandu jippreżenta wkoll il-formola CPOL-A3 sabiex il-vettura tiżdied taħt il-Liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri tal-applikant;

vii. Fl-istess waqt li l-vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti tkun preżentata biex tiġi liċenzjata għall-użu fit-triq, l-applikant għandu jippreżenta dokument ta' qerda maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jkun jiċċertifika li l-vettura rreġistrata fuq ismu għandha mill-anqas għaxar snin mis-sena tal-manifattura tagħha u li kellha liċenzja valida maħruġa f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin tkun ġiet meqruda fl-istess faċilità u għalhekk tkun tista' titneħħa mir-reġistrazzjoni mill-Awtorità.

(b) Fil-każ li l-vettura li tiġi ordnata mhux diġà addattata b'aċċess għal siġġu bir-roti, u li se tkun immodifikata għal dan il-għan f'Malta:

(i) The following application process for this grant scheme shall apply:

(a) In the case of a vehicle being ordered that is already adapted for wheelchair access:

i. Before the vehicle is ordered, the applicant shall submit the following documents for the Authority's approval:

the vehicle's technical details;

form WAV1 duly filled and signed by the applicant;

copy of a legally valid identification document of the applicant;

details of the vehicle to be deregistered.

ii. When the vehicle is ordered the applicant shall present the Authority with a copy of the order so that the grant may be reserved on his behalf;

iii. When the vehicle arrives in Malta, the agent or the applicant shall submit the certificate of conformity, detailing the vehicle's chassis number and technical details so that it can be registered and licensed for use on the road;

iv. If the vehicle is to be licensed as a Taxi, the applicant shall also submit form TX-A1 indicating what shall happen to the vehicle registered under the Taxi Licence up to that moment;

v. If the vehicle is to be registered as a Vehicle for hire with a Driver, the applicant shall submit the most recent Public Service Garage licence Certificate;

vi. If the vehicle is to be registred as Passenger Transport Vehicle, the applicant shall submit form CPOL-A3 to add the vehicle under the applicant's Operator's Licence for the Carriage of Passengers;

vii. At the same time when the wheelchair accessible vehicle is to be licensed for use on the road, the applicant shall submit a certificate of destruction issued by an authorised treatment facility certifying that the vehicle which is at least 10 years old from its year of manufacture and which had a licence issued in Malta for the past five years has been destroyed in the same facility and therefore may be de-registered by the Authority.

(b) In the case of a vehicle being ordered that is not already adapted for wheelchair access, and which will be so modified in Malta:

i. Qabel ma ssir l-ordni tal-vettura, l-applikant għandu jippreżenta dawn id-dokumenti għall-approvazzjoni tal-Awtorità:

id-dettalji tekniċi tal-vettura;

il-formola WAV1 mimlija u ffirmata mill-applikant;

proposta ta' modifika tal-vettura mħejjija u ffirmata minn Inġinier b'warrant fl-Inġinerija Mekkanika;

dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-applikant;

dettalji tal-vettura li se tkun imneħħija mir-reġistrazzjoni.

ii. Meta ssir l-ordni għall-vettura, l-applikant għandu jippreżenta lill-Awtorità kopja tal-ordni sabiex l-għotja tal-flus tkun riservata f'ismu;

iii. Meta l-vettura tasal Malta, l-aġent jew l-applikant għandu jippreżenta ċ-ċertifikat ta' konformità, li jkun juri n-numru tax-xażi u d-dettalji tekniċi tal-vettura sabiex din tkun tista' tiġi rreġistrata u ggaraxxjata;

iv. Il-vettura għandha minnufih tittieħed fil-post fejn se tkun immodifikata, u l-modifika għandha ssir skont il-proposta ta' modifika tal-Inġinier kif approvata mill-Awtorità;

v. Il-vettura mmodifikata għandha tiġi ppreżentata għall-ispezzjoni mit-Technical Unit tal-Awtorità, flimkien ma' rapport imħejji minn Inġinier b'warrant fl-Inġinjerija Mekkanika fejn jiċċertifika li l-modfiki li jkunu saru fuq il-vettura jkunu siguri;

vi. Meta l-vettura tkun approvata mit-Technical Unit tal-Awtorità, din tkun tista' tiġi liċenzjata għall-użu fit-triq;

vii. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Taxi, l-applikant għandu jippreżenta wkoll il-formola TX-A1 fejn jindika x'se jsir mill-vettura li tkun irreġistrata taħt il-Liċenzja tat-Taxi sa dak il-mument;

viii. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, l-applikant għandu jippreżenta l-iktar ċertifikat riċenti tal-liċenzja ta' Garage ta' Servizz Pubbliku;

ix. Jekk il-vettura tkun se tiġi liċenzjata bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri, l-applikant għandu jippreżenta wkoll il-formola CPOL-A3 sabiex il-vettura tiżdied taħt il-Liċenzja ta' Operatur għall-Ġarr ta' Passiġġieri tal-applikant;

x. Fl-istess waqt li l-vettura aċċessibbli għal siġġu birroti tkun preżentata biex tiġi liċenzjata għall-użu fit-triq, l-applikant għandu jippreżenta dokument ta' qerda maħruġ

i. Before the vehicle is ordered, the applicant shall submit the following documents for the Authority's approval:

the vehicle's technical details;

form WAV1 duly filled and signed by the applicant;

a vehicle modification proposal prepared and signed by a warranted Mechanical Engineer;

copy of a legally valid identification document of the applicant;

details of the vehicle to be deregistered.

ii. When the vehicle is ordered, the applicant shall present the Authority with a copy of the order so that the grant may be reserved on his behalf;

iii. When the vehicle arrives in Malta, the agent or the applicant shall submit the certificate of conformity, detailing the vehicle's chassis number and technical details so that it can be registered and garaged;

iv. The vehicle shall be immediately taken to the place where it shall be modified, and the modification shall be done according to the engineer's modification proposal as approved by the Authority;

v. The modified vehicle shall be presented for inspection at the Authority's Technical Unit, along with a report prepared by a warranted Mechanical Engineer certifying that the modifications done to the vehicle are safe;

vi. When the vehicle is approved by the Technical Unit, it may be licensed for use on the road;

vii. If the vehicle is to be licensed as a Taxi, the applicant shall also submit form TX-A1 indicating what shall happen to the vehicle registered under the Taxi Licence up to that moment;

viii. If the vehicle is to be registered as a Vehicle to be Hired with a Driver, the applicant shall submit the most recent Public Service Garage licence Certificate;

ix. If the vehicle is to be registred as Passenger Transport Vehicle, the applicant shall submit form CPOL-A3 to add the vehicle under the applicant's Operator's Licence for the Carriage of Passengers;

x. At the same time when the wheelchair accessible vehicle is to be licensed for use on the road, the applicant shall submit a certificate of destruction issued by an authorised treatment

minn faċilità ta' trattament awtorizzata li jkun jiċċertifika li l-vettura rreġistrata fuq ismu għandha mill-anqas għaxar snin mis-sena tal-manifattura u li kellha liċenzja valida maħruġa f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin tagħha tkun ġiet meqruda fl-istess faċilità u għalhekk tkun tista' titneħħa mir-registrazzjoni mil-Awtorità.

(ii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti kollha rilevanti, għandhom jiġu ppreżentati jew mibgħuta mill-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar tas-Servizzi tat-Trasport Stradali, Transport Malta, Livell 0, A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola, bejn is-7.30 a.m. u t-3.00 p.m. fil-ġranet tax-xogħol.

4. Eleġibbiltà

(i) Sabiex ikun eleġibbli, applikant għandu jkun konformi mas-subtaqsimiet 2.1 u 2.2 tat-Taqsima 2, u mal-kundizzjonijiet u r-regoli kollha applikabbli kif stipulati fir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxis (L.S.499.59), fir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.11), fir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S.499.56) u fil-PSG Policy ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

(ii) Biex tikkwalifika għall-iskema, vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti għandha tkun:

a) vettura ġdida fil-kategorija M1 jew M2 li tkun kompatibbli mal-Euro Standard 6 skont ir-Regolament (EC) Nru. 459/2012, skont kif iċċertifikat fiċ-Ċertifikat ta' Konformità;

b) manifatturata b'tali mod sabiex persuna li tuża siġġu bir-roti tkun tista' taċċessa l-vettura faċilment u mingħajr għajnuna, u tkun tista' tiġi trasportata fil-vettura b'mod sigur; jew

c) immodifikata lokalment, hekk kif approvat mit-Technical Unit tal-Awtorità, sabiex persuna li tuża siġġu bir-roti tkun tista' taċċessa l-vettura faċilment u mingħajr għajnuna, u tkun tista' tinġarr fil-vettura b'mod sigur. Tali modifika m'għandhiex tieħu aktar minn tliet xhur mid-data li minnha l-vettura tkun ġiet irreġistrata f'Malta;

d) liċenzjata għall-użu fit-triq bħala Taxi jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, jew bħala vettura għall-ġarr ta' passiġġieri mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2019.

(iii) Biex tikkwalifika, vettura li tkun se titneħħa mir-reġistrazzjoni għandha:

a) ikollha mill-anqas għaxar (10) snin fid-data meta ssir l-applikazzjoni, bl-età tiġi kkalkulata billi titnaqqas is-sena tal-manifattura tal-vettura muri fuq iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura mis-sena li fiha tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni;

facility certifying that the vehicle which is at least 10 years old from its year of manufacture and which had a valid licence issued in Malta for the past five years has been destroyed in the same facility and therefore may be de-registered by the Authority.

(ii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted or sent by the applicant to the Road Transport Licensing Unit, Transport Malta, Level 0, A3 Towers, Arcade Street, Paola between 7.30 a.m. and 3.00 p.m. during working days.

4. Eligibility

(i) To be eligible, an applicant shall conform with subsections 2.1 and 2.2 of Section 2, and with all applicable conditions and regulations stipulated in the Taxi Services Regulations (S.L.499.59), the Motor Vehicles Regulations (S.L.65.11), the Passenger Transport Services Regulations (S.L.499.56) and PSG Policy of the Authority for Transport in Malta;

(ii) To qualify for the grant, a wheelchair accessible vehicle shall be:

a) a new M1 or M2 category motor vehicle complying with Euro Standard 6 in accordance with Regulation (EC) No. 459/2012, as certified on the vehicle's Certificate of Conformity;

b) manufactured in a way so that a person using a wheelchair may access the vehicle easily and unaided, and may be transported in the vehicle safely; or

c) modified locally, as approved by the Authority's Technical Unit, so that a person using a wheelchair may access the vehicle easily and unaided, and may be transported in the vehicle safely. Such modification shall not take longer than 3 months from the date of the vehicle's registration in Malta to be completed;

d) licensed for use on the road as a taxi, a vehicle for hire with a driver or a passenger transport vehicle by not later than 31st December, 2019.

(iii) To qualify, a motor vehicle that shall be de-registered shall:

a) have at least ten (10) years on the date of application, with the age being calculated by deducting the vehicle's year of manufacture shown on the vehicle's registration certificate from the year in which the application is submitted;

b) tkun ilha lliċenzjata f'Malta għal dawn l-aħħar ħames snin u għandha liċenzja taċ-ċirkolazzjoni mill-Awtorità f'isem l-applikant fid-data meta titneħħa mir-reġistrazzjoni;

c) tkun ġiet mgħoddija għand faċilità ta' trattament awtorizzata;

d) tkun trid titneħħa mir-reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) mhux iktar minn ħamest ijiem ta' xogħol qabel ma tkun reġistrata l-vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti.

(iv) L-għotja li tingħata m'għandhiex titqies bħala dħul għall-finijiet ta' taxxa fuq l-Income.

(v) L-iskema għandha tkun limitata għal 5 vetturi bil-mutur fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

5. Ħlas tal-Għotja

Fejn l-applikant jikkwalifika għall-għotja, tali għotja titħallas direttament lill-applikant meta l-vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti tkun illiċenzjata għall-ewwel darba bħala Taxi, jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier, jew bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri.

6. Validità tal-Applikazzjoni

Applikazzjoni ma titqiesx li tkun ġiet ippreżentata mill-applikant kemm-il darba din ma tkunx ġiet mimlija b'mod sħiħ u ma jkunux ġew preżentati magħha d-dokumenti kollha rilevanti. Jekk l-applikazzjoni ma tiġix mimlija korrettement u ma jkollhiex magħha d-dokumenti relattivi, it-talba għall-għotja ma tiġix proċessata sakemm ma tiġix provduta l-informazzjoni li tkun nieqsa. L-Awtorità għandha tikteb lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa.

7. Rifużjoni tal-Għotja

Il-vettura ġdida mixtrija mill-applikant għall-għotja għandha tibqa' reġistrata f'ismu bħala Taxi jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier jew bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri għal perjodu ta' mill-anqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. Jekk is-sid reġistrat ta' vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti li għaliha tkun ingħatat għotja taħt din l-iskema, jittrasferixxi l-vettura l-imsemmija għal xi raġuni oħra għajr trasferiment causa mortis lil xi werriet, lil terza persuna, jew ma jħallix il-vettura aċċessibbli għal siġġu bir-roti rreġistrata bħala Taxi jew bħala Vettura għall-Kiri bix-Xufier jew bħala Vettura għall-Ġarr ta' Passiġġieri qabel jiskadi l-perjodu ta' sitta u tletin xahar, hu jkun irid irodd lura l-għotja li jkun irċieva lill-Awtorità.

b) have been licensed in Malta for the past five years and issued with a circulation licence by the Authority in the name of the applicant on the date when the vehicle is to be de-registered, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by the Authority;

c) have been transferred to an authorised treatment facility;

d) have to be de-registered in terms of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (S.L.368.02) not more than 5 working days before the wheelchair accessible vehicle is registered.

(iv) The grant given shall not be assessed as income for tax purposes.

(v) The scheme will be limited to 5 motor vehicles on a first-come-first-served basis.

5. Payment of Grant

Where an applicant qualifies for the grant, such grant shall be paid directly to that applicant when the wheelchair accessible vehicle is licensed for the first time as a Taxi, or as a Vehicle for Hire with a Driver, or as a Passenger Transport Vehicle.

6. Validity of Application

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. The Authority for Transport in Malta shall write to the applicant advising him of the additional information required.

7. Refunding of Grant

The new motor vehicle purchased by the applicant for the grant shall remain registered in his name as a Taxi, or as a Vehicle for Hire with a Driver, or as a Passenger Transport Vehicle for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration. If the registered owner of a wheelchair accessible vehicle on which a grant has been granted under this scheme transfers the said vehicle for any reason, other than a transfer causa mortis to an heir to a third party, or does not keep the wheelchair accessible vehicle licensed as a Taxi, or as a Vehicle for Hire with a Driver, or as a Passenger Transport Vehicle before the expiry of the thirty-six month period, then that person shall refund the grant received to the Authority.

8. Tul tal-Iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 2019, sakemm ma tiġix modifikata jew mitmuma qabel iż-żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskema tiġi terminata b'mod awtomatiku meta l-ammont totali ta' għotjiet approvati jilħaq il-€50,000.

9. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ikollu d-dritt li jagħmel kull emendi f'din l-iskema permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Talbiet b'Qerq

Jekk jinstab li talbiet għall-għotja jkunu saru b'qerq, il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, jista' jistittwixxi proċeduri kriminali kontra dawk responsabbli. Fil-każ li jkun sar ħlas żbaljat għal talba, il-Ministeru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, jirriserva d-dritt li jirkupra l-flus imħallsa bi żball.

It-23 ta' Awwissu, 2019

8. Duration of Scheme

This scheme shall remain in force until the 31st December, 2019, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The scheme shall be automatically terminated when the total amount of approved grants reach the amount of €50,000.

9. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Transport, Infrastructure and Capital Projects shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

10. Fraudulent Claims

Where a fraudulent claim arises, the Minister responsible for Transport, Infrastructure and Capital Projects may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry responsible for Transport, Infrastructure and Capital Projects reserves the right to recover funds paid in error.

23rd August, 2019

Nru. 1033

AKKWIST TA' ART

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 324 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,146 tas-7 ta' Marzu, 2019, ngħarrfu illi l-file L148/2001/3, fejn biċċa art f'San Pawl il-Baħar tal-kejl ta' madwar 142 metru kwadru, murija bl-ikħal fuq pjanta P.D. Nru. 217_2001_1 ġiet iddikjarata bħala li m'għadhiex aktar meħtieġa minn Transport Malta u għalhekk saret revoka li biha l-imsemmija art ingħatat lura lis-sidien. Peress li rriżulta li l-pjanta P.D. Nru. 217_2001_1 kienet żbaljata, qiegħda tiġi sostitwita bil-pjanta P.D. Nru. 217_2001_2, fejn din l-art inkwistjoni qiegħda tidher delinjata bl-ikħal.

It-23 ta' Awwissu, 2019

No. 1033

ACQUISITION OF LAND

WITH reference to Government Notice No. 324 published in Government Gazette No. 20,146 of the 7th March, 2019, it is notified that file L148/2001/3, where a plot of land at San Pawl il-Baħar of the area of about 142 square metres, shown in blue on plan P.D. Nru. 217_2001_1 has been declared as no longer required by Transport Malta and so a revocation has been made by which the mentioned land has been returned to the owners. Since it has resulted that there was an error on plan P.D. Nru. 217_2001_1, it is being substituted by plan P.D. Nru. 217_2001_2, where the land in question is shown delineated in blue.

23rd August, 2019

Nru. 1034

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34), id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru, 2019, il-

No. 1034

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34), the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 7th September, 2019, the Lower Barrakka Gardens

Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel ikunu magħluqa għall-pubbliku mit-3.00 p.m. 'il quddiem u jkunu taħt il-kontroll ta' S Trek Logistics Ltd.

It-23 ta' Awwissu, 2019

Nru. 1035

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23.8.2019	€43.784	€0.525

It-23 ta' Awwissu, 2019

will be closed to the public from 3.00 p.m. onwards and will be under the control of S Trek Logistics Ltd.

23rd August, 2019

No. 1035

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

23rd August, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 141

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, 31 ta' Awwissu, 2019, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2019, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq is-Santwarju.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2019

POLICE NOTICE

No. 141

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 31st August, 2019, from 4.00 p.m. onwards, through Misraħ is-Sliem.

On Sunday, 1st September, 2019, from 6.00 a.m. onwards, through Triq is-Santwarju.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

23rd August, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 142

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta'Awwissu, 2019, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn service road fi Vjal ix-Xarolla (ħames parkeġġi riservati għal vetturi VIP).

Minn nhar it-Tnejn, 26 ta'Awwissu, 2019, sas-Sibt, 31 ta'Awwissu, 2019, mill-5.00 a.m. sad-9.00 a.m. (il-ġranet kollha), minn Triq P. P. Saydon (4 parkeġġi quddiem il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq – parkeġġ riservat għall-Bus tad-Danusan).

Birżebbuġa

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta'Awwissu, 2019, mit-8.00 p.m., sal-Ħadd, 25 ta'Awwissu, 2019, fis-2.00 a.m., minn Misraħ is-Summit u Triq San Patrizju.

Nhar is-Sibt, 24 ta'Awwissu, 2019, mit-3.00 p.m., sal-Ħadd, 25 ta'Awwissu, 2019, fis-2.00 a.m., mill-Bajja s-Sabiħa u Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Il-Birgu

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn ħdejn il-Knisja ta' San Lawrenz, Triq Nestu Laiviera, il-Pjazza u Triq Santa Skolastika.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 108 tal-2019

Xogħlijiet ta' Tiswija ta' Emerġenza f'Ras il-Ħobż, Gozo Sewage Outfall

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u operaturi ta' bastimenti li xogħlijiet ta' tiswija ta' emerġenza f'Ras il-Ħobż, Gozo sewage outfall, huma skedati li jibdew fid-dati msemmija hawn taħt.

Ix-xogħlijiet ta' tiswija huma skedati li jibdew nhar il-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 2019 u għandhom jitlestew sa nhar l-Erbgħa, 28 ta' Awwissu, 2019, jekk jippermetti t-temp.

POLICE NOTICE

No. 142

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Friday, 23rd August, 2019, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m., through a service road in Vjal ix-Xarolla (reservation of 5 parking spaces for VIP vehicles).

From Monday, 26th August, 2019, till Saturday, 31st August, 2019, from 5.00 a.m. till 9.00 a.m. (all days), through Triq P. P. Saydon (4 parking spaces in front of Żurrieq Local Council – reservation of parking space for Danusan Bus).

Birżebbuġa

On Friday, 23rd August, 2019, from 8.00 p.m., till Sunday, 25th August, 2019, at 2.00 a.m., through Misraħ is-Summit and Triq San Patrizju.

On Saturday, 24th August, 2019, from 3.00 p.m., till Sunday, 25th August, 2019, at 2.00 a.m., through Pretty Bay and Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Vittoriosa

On Friday, 27th September, 2019, from 3.00 p.m. till 8.00 p.m., through near San Lawrenz Church, Triq Nestu Laiviera, the square and Triq Santa Skolastika.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2019

Emergency Repair Works on the Ras il-Ħobż, Gozo Sewage Outfall

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and operators of vessels that emergency repair works on the Ras il-Ħobż, Gozo sewage outfall, are scheduled to commence as per below dates.

The repair works are scheduled to start on Sunday, 25th August, 2019 and should be completed by Wednesday, 28th August, 2019, weather permitting.

Ix-xogħlijiet ta' tiswija se jseħħu fil-pożizzjonijiet li ġejjin, murija mmarkati fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punt	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	36°00'.973	014°16'.839
B	36°00'.853	014°16'.919
C	36°00'.799	014°16'.776
D	36°00'.919	014°16'.704

Għaddasa se jkunu ingaġġati biex jagħmlu tiswijiet u jkunu assistiti minn barkun ċatt Bezz Rig 1 u l-MV GoldDredger. Dawn se jitħallew fil-pożizzjoni l-ġurnata kollha, se jtajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali 'A' u se jinxtegħlu matul il-lejl.

Il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa u jagħtu spazju wiesa' meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom iżommu 'l barra miż-żona msemmija.

Il-baħħara u operaturi ta' bastimenti għandhom jobdu struzzjonijiet u direzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u kull aġenzija ta' infurzar li se tkun fiż-żona.

Chart affettwata: BA 2537

Pożizzjonijiet riferuti għal WGS 84 DATUM.

It-3 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 109 tal-2019

BSJ - Sprint Triathlon Swim – 1 ta' Settembru, 2019

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi l-Birkirkara St Joseph Sports Club se jorganizza Sprint Triathlon Swim fil-Bajja tas-Salina.

It-tellieqa se ssir mal-korsa A, B u C (kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)),

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35º 56'.932	014º 25'.660
B	35º 57'.112	014º 25'.763
C	35º 57'.100	014º 25'.783

nhar il-Ħadd, 1 ta' Settembru, 2019, mis-7.00 a.m. sad-9.00 a.m.

Water ambulance, club RIB u Jet Ski tal-paramediċi se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

The repair works will be carried out within the following positions, shown hatched on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36°00'.973	014°16'.839
B	36°00'.853	014°16'.919
C	36°00'.799	014°16'.776
D	36°00'.919	014°16'.704

Divers will be engaged to carry out the repairs and will be assisted by the flat barge Bezz Rig 1 and the MV GoldDredger. They will be left in position all day and night, will be displaying the International Code Flag "A" and will be lit during the night.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity. They are to keep out of the above mentioned area.

Mariners and vessel operators are to comply with instructions and directions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and any enforcement agency that will be in the area.

Chart affected: BA 2537

Positions referred to WGS 84 DATUM.

3rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2019

BSJ - Sprint Triathlon Swim – 1st September, 2019

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Birkirkara St Joseph Sports Club will be organising Sprint Triathlon Swim at Salina Bay.

The race will be held along the course A, B and C (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)),

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35º 56'.932	014º 25'.660
B	35º 57'.112	014º 25'.763
C	35º 57'.100	014º 25'.783

on Sunday, 1st September, 2019, from 7.00 a.m. till 9.00 a.m.

A water ambulance, club RIB and paramedic's Jet Ski will be accompanying the participating swimmers.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela kbira u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza, fid-data stipulata. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-bastimenti ta' appoġġ u l-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u kull Aġenzija ta' Infurzar.

Charts affettwati: BA 211B, 211A, 2537 u 2538

It-23 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 110 tal-2019

Wirja tan-Nar tal-Ajru fil-Bajja ta' San Ġiljan – San Girgor (Tas-Sliema)

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li wirjiet tan-nar tal-ajru b'konnessjoni mal-festa ta' San Girgor se jsiru mill-jetty f'punt A kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) f'dawn id-dati u l-ħinijiet:

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu, 2019, mill-10.30 p.m. sal-11.15 p.m.

Nhar is-Sibt. 31 ta' Awwissu, 2019, mill-10.15 p.m. sal-10.30 p.m.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2019, mid-9.30 p.m. sal-9.45 p.m.

Il-bastimenti u l-għawwiema huma avżati biex iżommu 'l bogħod u f'distanza minima ta' mhux anqas minn 100 metru mill-jetty (kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)), matul il-wirjiet imsemmija hawn fuq.

Il-bastimenti rmiġġati f'distanza ta' 100 metru minn punt A (kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) għandhom jitneħħew u ż-żona għandha tinżamm vojta matul il-wirjiet. Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, mhu se jaċċetta l-ebda responsabbiltà għall-ebda bastiment li jitħalla fiż-żona matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u minn kull aġenzija ta' infurzar.

Chart affettwata: BA 177

It-23 ta' Awwissu, 2019

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity, on the stipulated date. They are to obey any instructions issued by support vessels and Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12 and any Enforcement Agency.

Charts affected: BA 211B, 211A, 2537 and 2538

23rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 110 of 2019

Fireworks Displays in St Julian's Bay – San Girgor (Tas-Sliema)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that fireworks displays in connection with the feast of St Gregory will be let off from the jetty at point A as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) on the following dates and times:

On Friday, 30th August, 2019, from 10.30 p.m. till 11.15 p.m.

On Saturday, 31st August, 2019, from 10.15 p.m. till 10.30 p.m.

On Sunday, 1st September, 2019, from 9.30 p.m. till 9.45 p.m.

All vessels and bathers are warned to keep clear and maintain a minimum distance of not less than 100 metres from the jetty (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) during the above-mentioned displays.

Vessels moored within 100 metres from point A (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) are to be removed and the area kept clear during the displays. The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any vessels that are left lying in the area on the above mentioned date and times.

Mariners are to obey instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12 and any enforcement agency.

Chart Affected BA 177

23rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 111 tal-2019

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 124 tal-2018 – Rigward Xogħlijiet ta' Tiswija fuq Moll f'Bejn il-Kmieni – Kemmuna

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li xogħlijiet ta' tiswija fuq moll f'Bejn il-Kmieni - Kemmuna issa tlestew u għalhekk Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 124 tal-2018 - rigward xogħlijiet ta' tiswija fuq moll f'Bejn il-Kmieni - Kemmuna huwa KKANĊELLAT.

It-23 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 111 of 2019

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 124 of 2018 – Re Repair Works on Quay at Blue Lagoon – Comino

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the repair works on quay at Blue Lagoon - Comino has now been completed and therefore Local Notice to Mariners No. 124 of 2018 – re repair works on quay at Blue Lagoon – Comino is hereby CANCELLED.

23rd August, 2019

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' Senior Auditor

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, l-awditur estern tal-Gvern, qed jilqa' applikazzjonijiet minn persuni bi kwalifiki xierqa biex jimlew postijiet fil-grad ta' Senior Auditor fis-Sezzjoni tal-Awditu fuq l-Effettività. Dan huwa grad ta' dħul bil-prospett ta' promozzjoni għal min jipprometti.

It-tim tal-Awditu fuq l-Effettività jeżamina l-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-programmi tas-settur pubbliku biex jaċċerta kif dawn qed jiġu ġestiti ekonomikament, b'mod effiċjenti u effettiv. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jimmira li jgħin lill-entitajiet involuti fit-titjib tal-operazzjonijiet tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini.

Min jippossjedi l-kapaċità għall-awditjar u jkun interessat li jkollu karriera fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex tgħinu jissodisfa r-rekwiżiti tal-awditjar fuq l-effettività, jista' tapplika. L-applikanti jrid ikollhom grad universitarju. Tingħata perferenza lil dawk il-kandidati bi grad f'politika tal-gvern, kontabbiltà, studji kummerċjali, ekonomija, statistika, ġurisprudenza, inġinerija jew kwalifiki oħra rilevanti, preferibbilment b'sena esperjenza, mill-inqas, f'xi post relatat ma' dan ix-xogħol. Għall-komunikazzjoni, sew bil-fomm kif ukoll bil-miktub, huwa meħtieġ li l-applikanti jkunu jużaw sew l-ilsien Malti u dak Ingliż.

Il-pakkett ta' remunerazzjoni għal din il-kariga huwa ta' aktar minn €30,000 kif ukoll bonus annwali għall-mertu u benefiċċji oħra.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit uffiċjali, jew tiġi mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies.nao@gov.mt). Persuni interessati huma ġentilment mitluba biex mal-applikazzjoni jibagħtu kopji tal-curriculum vitae u taċ-ċertifikati tal-kwalifiki tagħhom, kif ukoll ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija. Dawn għandhom jaslu għand il-Manager, Finance and Administration fl-indirizz elettroniku msemmi jew f'dak postali tal-Uffiċċju: Notre Dame Ravelin, Il-Furjana FRN 1601, sal-Erbgħa, 4 ta' Settembru, 2019.

It-23 ta' Awwissu, 2019

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Senior Auditor

The National Audit Office, Government's external auditor, is receiving applications from duly qualified persons to fill vacancies in the grade of Senior Auditor within the Performance Audit Section. This is an entry level grade with the prospect of promotion for employees who excel.

The Performance Audit team examines public sector operations, activities and programmes to ascertain how economically, efficiently and effectively these are being managed. The National Audit Office aims to assist the entities involved in improving their operations to the benefit of citizens.

Those possessing the aptitude for auditing and would be interested in having a career at the National Audit Office to assist it in meeting its performance audit requirements, may apply. Aspiring applicants must be in possession of a university degree. Preference will be given to candidates with a degree in public policy, accountancy, business studies, economics, statistics, jurisprudence, engineering or other relevant qualifications, preferably with at least one year's experience in a related field of work. Applicants must possess excellent written and verbal communication skills in Maltese and English.

The post carries a financial package of over €30,000, as well as a yearly performance bonus and other benefits.

Further information may be obtained by accessing our website or via email (vacancies.nao@gov.mt). Applications together with a copy of your curriculum vitae, qualification certificates and Police conduct certificate should be submitted to the Manager, Finance and Administration using the email address mentioned above or the following postal address: Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1601, by Wednesday, 4th September, 2019.

23rd August, 2019

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) fl-Aġenzija Servizz.gov, Uffiċċju tal-Prim Ministru

(Permess tal-Jobsplus Nru. 614/2019)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kap Eżekuttiv, Servizz.gov jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) fl-Aġenzija Servizz.gov fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Tul tal-Assignment u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tliet (3) snin fil-pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) fl-Aġenzija Servizz.gov, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

Il-pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din il-pożizzjoni taqa' taħt Regolament 7 (4) (b) (i) tal-Liġi Sussidjarja 452.81, intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss', dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva sabiex il-persuna magħżula ma tingħatax status indefinit skont it-termini tar-Regolamenti msemmija.

Salarju tal-Pożizzjoni

3,1 Il-pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) iġġorr salarju ta' €35,194 fis-sena (fl-2019). Barra minn hekk, Allowance ta' Komunikazzjoni ta' €1,600 fis-sena, Expense Allowance ta' €1,630 fis-sena u Car Allowance ta' €4,658 fis-sena huma inklużi fil-pakkett finanzjarju.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-ħlas ta' performance bonus sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku, marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4. Id-dmirijiet ta' Kap (ICT u Data) jinkludu:

Sorveljanza tal-operazzjonijiet kollha relatati mal-ICT u d-Data f'konformità mal-istrateġija tal-aġenzija;

Tfassil, twaqqif u monitoraġġ tal-politiki tal-ICT biex issostni l-għoti ta' servizz lill-konsumatur;

Analiżi tal-ambjent tan-negozju li dejjem jinbidel, biex jiġu determinati il-ħtiġiet tat-teknoloġija tal-ICT u tad-Data preżenti u futuri;

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Applications for the Position of Head (ICT and Data) at Servizz.gov Agency, Office of the Prime Minister

(Jobsplus Permit No. 614/2019)

Nomenclature denoting the male gender include also the female gender.

The Chief Executive Officer, Servizz.gov invites applications for the position of Head (ICT & Data) within Servizz.gov Agency within the Office of the Prime Minister.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as Head (ICT & Data) within the Servizz.gov Agency which may be renewed for further periods.

2.2 This position of Head (ICT & Data) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position falls under Regulation 7 (4) (b) (i) being a Headship position in terms of Subsidiary Legislation 452.81, entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations', then this constitutes an objective reason for the employee not to attain indefinite status in terms of the said Regulation.

Salary of Position

3.1 The salary attached to the position of Head (ICT and Data) shall be €35,194 per annum (in 2019). Furthermore, a Communication Allowance of €1,600 per annum, Expense Allowance of €1,630 per annum and Car Allowance of €4,658 per annum are also included in the financial package.

3.2 Selected person will also be entitled to the payment of a performance bonus of up to a maximum of 15% of basic salary, subject to satisfactory performance.

Duties and Responsibilities

4. The duties of Head (ICT and Data) involve:

Overseeing all ICT & Data related operations in line with the agency's strategy;

Devising, establishing and monitoring of ICT policies to support the provision of customer service;

Analysing the changing business environment to determine present and future ICT & Data technology needs; and

Kontroll tal-baġit tal-ICT u l-attivitajiet finanzjarji relatati kollha.

Aktar dettalji tad-dmirijiet u deskrizzjoni tal-pożizzjoni ta' Kap (ICT u Data) jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz ta' ittra elettronika lil (human-resources.opm@gov.mt).

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Controlling the ICT budget and all related financial activities.

Further details of the duties and job description of the position of Head (ICT & Data) may be obtained from the Human Resources Branch, Finance & Administration Directorate, Office of the Prime Minister, by email on (human-resources.opm@gov.mt).

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika Masters rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fejn jidħlu programmi li bdew minn Ottubru 2008) u kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta u rilevanti f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fejn jidħlu programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-Informazzjoni Teknoloġika u Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali komparabbli flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti f'ambjent tal-ICT.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwaliki u l-esperjenza li l- persuna jkollha għandhom ijintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taht l-ebda ċirkostanza.

(ii) be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) and a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2003) in Information and Communication Technology or in a related field of study or a comparable professional qualification, plus three (3) years of relevant work experience in an ICT environment.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet, fejn għandu jiġi kkwotat in-numru tar-referenza rilevanti (tal-Jobsplus) flimkien ma' curriculum vitae ddettaljat, li juri l-kwalifiki u l-esperjenza u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, f'format PDF, li għandhom jiġu mtellgħa permezz tal-Portal u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tar-Recruitment Portal biss (https://recruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2019. Fil-każ ta' impjegati tas-settur pubbliku, dawn għandhom jippreżentaw paid leave/unpaid leave/sick leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni.

It-23 ta' Awwissu, 2019

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Post ta' Senior Manager (mServices) fl-Aġenzija Servizz.gov, Uffiċċju tal-Prim Ministru

(Permess tal-Jobsplus Nru. 613/2019)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kap Eżekuttiv, Servizz.gov jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Manager (mServices) fl-Aġenzija Servizz.gov fi ħdan l- Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Tul tal-Assignment u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-post ta' Senior Manager (mServices) fl-Aġenzija Servizz.gov, fuq bażi indefinita.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

Submission of Applications

8. Applications, quoting the relevant reference number (Jobsplus) together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience and a Service and Leave Record Form (GP 47)/Certificate of conduct where applicable and any other relevant supporting documentation are to be submitted, for the attention of the Human Resources Branch, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2019. In the case of Public sector employees, these are to present their paid leave/unpaid leave/sick leave records for the last four years, including any records of any disciplinary action that may have been taken (in the absence of such records it will be understood that no disciplinary action was ever taken). A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application.

23rd August, 2019

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Applications for the Post of Senior Manager (mServices) at Servizz.gov Agency, Office of the Prime Minister

(Jobsplus Permit No. 613/2019)

Nomenclature denoting the male gender include also the female gender.

The Chief Executive Officer, Servizz.gov invites applications for the post of Senior Manager (mServices) within Servizz.gov Agency within the Office of the Prime Minister.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The selected candidate will be appointed in the post of Senior Manager (mServices) within the Servizz.gov Agency on an indefinite basis.

2.2 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju tal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Senior Manager (mServices) huwa ta' €29,761 (fis-sena 2019) li jiżdied b'€641 fis-sena sa massimu ta' €30,402.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-ħlas ta' performance bonus sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku, marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4. Id-dmirijiet ta' Senior Manager (mServices) jinkludu li:

Tipproġetta l-immaniġġjar tal-iżvilupp u l-iskjerament tal-provvista ta' servizzi tal-Gvern relatati mas-servizzi mobbli;

Tikkollega u tikkordina mal-Ministeri u d-Dipartimenti għall-konsenja f'waqtha ta' servizzi mobbli f'konformità mal-istrateġija tal-Aġenzija;

Twettaq riċerka u tanalizza xejriet tat-teknoloġija attwali u tipprovdi rakkomandazzjonijiet u soluzzjonijiet għall-maniġment superjuri.

Aktar dettalji tad-dmirijiet u deskrizzjoni tal-post ta' Senior Manager (mServices) jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz ta' ittra elettronika lil (human-resources.opm@gov.mt).

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma'

2.2 The appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary of Position

3.1 The salary for the post of Senior Manager (mServices) is €29,761 (in 2019) rising by annual increments of €641 up to a maximum of €30,402.

3.2 Selected person will also be entitled to the payment of a performance bonus of up to a maximum of 15% of basic salary, subject to satisfactory performance.

Duties and Responsibilities

4. The duties of the Senior Manager (mServices) involve:

Project managing the development and deployment of the provision of Government services that are related to mobile services;

Collaborating and liaising with line ministries and departments for the timely delivery of scoped mobile services in line with the agency's strategy; and

Conducting research and analysis of current technology trends and providing recommendations and solutions to senior management.

Further details of the duties and job description of the post of Senior Manager (mServices may be obtained from the Human Resources Branch, Finance & Administration Directorate, Office of the Prime Minister, by email on (human-resources.opm@gov.mt).

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and

persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(iii) għandhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta u rilevanti f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-Informazzjoni Teknoloġika u Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti f'ambjent tal-ICT.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

8. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, permezz tar-Recruitment Portal biss (http://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a) kif ukoll Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat (fil-każ ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku) jew Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jiddikjara jekk qatt kienx fis-Servizz Pubbliku u jingħataw id-dettalji (fil-każ ta' persuni li mhumiex ħaddiema fis-Servizz Pubbliku), li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for European Affairs and Equality, through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47), in PDF format (in case of Public Service Employees) or a Certificate of Conduct in PDF format issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application, and state whether they have ever been in Government Service giving details (in case of non-Public Service employees), which are to be uploaded through the Portal. In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service, these are to submit their paid and unpaid Leave

jissottomettu paid/unpaid Leave u Sick Leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il- Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2019. Tintbagħat ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter bħala rċevuta li l-applikazzoni tkun daħlet. Aktar dettalji dwar is-sottomisjonijiet tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 L-applikanti għandhom jindikaw b'mod ċar għal liema oqsma indikati f'paragrafu 1 qed japplikaw, u jniżżluhom fl-ordni ta' preferenza fil-Formola ta' Dikjarazzjoni li tista' tiġi aċċessata mill-Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt).

8.3 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tiġix riċevuta kompluta sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja persuna magħżula f'qasam skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, 31B, Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat riċeventi huma (www.meae.gov.mt) u (hr.meae@gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2019

and Sick Leave records for the last four years, including any records of any disciplinary actions that may have been taken in the absence of which, it will be understood that no disciplinary action was ever taken. In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service, they are also to produce confirmation from the DCS of the Ministry where they are performing duties, that they are officially performing duties in such Ministry. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 Applicants must indicate clearly which of the areas indicated in paragraph 1 they are applying for, and list them in order of preference in the Declaration Form which may be accessed on the Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt).

8.3 It is noted that in the event that a complete Declaration Form is not received by the closing time and date of this call for applications, the Ministry reserves the right to assign a successful applicant to an area in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Directorate Corporate Services at the Ministry for European Affairs and Equality, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (www.meae.gov.mt) and (hr.meae@gov.mt).

23rd August, 2019

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA

Pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) fi ħdan il-PPCD, FPD, SID u MSD fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Amministrazzjoni), Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) fi ħdan il-Planning and Priorities Coordination Division (PPCD), il-Funds and Programmes Division (FPD), l-iStrategy and Implementation Division (SID) u l-Measures and Support Division (MSD) fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza.

Tul tal-Assignment u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tliet (3) snin bħala Senior Manager (EU Funds) fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplja ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkonstitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7 (4) tal-L.S.452.81.

2.4 Din il-pożizzjoni hija kofinanzjata minn Fondi tal-Unjoni Ewropea mill-Programm fejn is-Senior Manager (EU Funds) ikun assenjat.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Senior Manager (EU Funds) huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa €30,741.33) li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra, jew tlestija ta' sena servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Il-persuna maħtura tkun intitolata wkoll għal:

(i) performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skont id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti rispettiv;

(ii) disturbance allowance ta' 15% (minflok overtime) tas-salarju rispettiv li, jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal perjodi speċifiċi awtorizzati mis-Segretarju Permanenti rispettiv, jiżdied għal 25%. Dan id-disturbance allowance

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS AND EQUALITY

Position of Senior Manager (EU Funds) within the PPCD, FPD, SID and MSD in the Ministry for European Affairs and Equality

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (Administration), Ministry for European Affairs and Equality invites applications for the position of Senior Manager (EU Funds) within the Planning and Priorities Coordination Division (PPCD), Funds and Programmes Division (FPD), Strategy and Implementation Division (SID) and Measures and Support Division (MSD) in the Ministry for European Affairs and Equality.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Senior Manager (EU Funds) in the Ministry for European Affairs and Equality.

2.2 The position of Senior Manager (EU Funds) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

2.4 This position is co-financed by European Union Funds through the Programme where the Senior Manager (EU Funds) is assigned.

Salary Pegged to the Position

3.1 The salary attached to the position of Senior Manager (EU Funds) is equivalent to an increment less than the maximum of Salary Scale 5 (currently € 30,741.33), with the attainment of the maximum on confirmation of appointment, or completion of one year service in the position whichever is the later.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

(i) A performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the respective Permanent Secretary;

(ii) A disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and for specific periods duly authorized by the respective Permanent Secretary, be increased to 25%. This

ma jkunx pagabbli lil uffiċjali li jkunu qed jaħdmu b'reduced hours jew b'arranġament ta' teleworking; u

(iii) pro-rata responsibility allowance ta' 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Senior Manager (EU Funds) jinkludu li:

a) Tmexxi u taqdi dmirijiet relatati mal-funzjonijiet tal-Managing Authority u s-Certifying Authority għall-European Structural and Investment Funds skont ir-regoli applikabbli nazzjonali u tal-UE;

b) Tmexxi u tkun involuta fil-funzjonijiet kollha relatati mal-immaniġġjar ta' fondi Ewropej u fondi oħra allokati lil Malta;

c) Timmaniġġja responsibbilitajiet relatati mal-funzjoni tal-awtorità kompetenti f'dak li jikkonċerna l-European Agricultural and Rural Development Fund;

d) Taqdi funzjonijiet u tipprovdi tmexxija f'dak li jikkonċerna l-funzjoni tal-Intermediate Body għall-miżuri ffinanzjati implimentati mill-Ministeru u mill-entitajiet tiegħu;

e) Tmexxi u tkun involuta fl-ifformular tal-istrateġija, it-tfassil tal-Operational Programmes u l-aġġornar pertinenti biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva tal-ESIF u fondi oħrajn allokati lil Malta;

f) Tipprovdi tmexxija fil-kontribuzzjoni u l-ikkordinar tal-kwistjonijiet relatati mal-EU Acquis f'dak li jikkonċerna regional policy li jinkludi l-Multi Annual Financial Framework, affarijiet relatati mal-ESIF u fondi Ewropej oħra;

g) Tagħmel l-evalwazzjoni tal-programmi pertinenti u funzjonijiet oħra relatati mal-fondi Ewropej rilevanti;

h) Tipprovdi gwida lill-focal points tal-UE u programmi ta' fondi oħra li huma mmaniġġjati mill-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra;

i) Tmexxi riċerka rilevanti u tipprepara rapporti u dokumenti kif neċessarju;

j) Torganizza u tipparteċipa f'laqgħat u tieħu minuti tad-diskussjonijiet f'Malta u barra minn Malta kif neċessarju;

k) Tinvolvi u tikkomunika b'mod effettiv mal-istakeholders rilevanti kif neċessarju;

disturbance allowance shall not be payable to officers while they are working on reduced hours or on any teleworking arrangements; and

(iii) A pro-rata responsibility allowance flat at 25% of the respective salary scale.

Duties

4. The duties of Senior Manager (EU Funds) include:

a) Lead and carry out duties in relation to both the Managing Authority and Certifying Authority functions for the European Structural and Investment Funds (ESIF) in line with the applicable national and EU rules;

b) Lead and actively engage in all functions relating to the management of EU and other Funds allocated to Malta;

c) Manage duties relating to the Competent Authority function in relation to the European Agricultural and Rural Development Fund;

d) Undertake work and provide leadership concerning the Intermediate Body function for EU funded measures implemented by the Ministry and its entities;

e) Lead and engage in strategy formulation, the design of appropriate Operational Programmes and their pertinent updates with a view to ensure the effective implementation of ESIF and other Funds allocated to Malta;

f) Provide leadership in contributing and coordinating issues dealing with the EU Acquis concerning regional policy including the Multi-Annual Financial Framework, matters dealing with ESIF and other EU funds;

g) Undertake evaluation of pertinent programmes and other functions connected with relevant EU funds;

h) Provide guidance to the Focal Points of the EU and other Funding Programmes that are managed by the Commission or other institutions;

i) Lead appropriate research, prepare reports and documents as necessary;

j) Organising and participating in meetings and taking minutes of discussions, in Malta and abroad as necessary;

k) Engaging and effectively liaising with relevant stakeholders as necessary;

l) Tipparteċipa f'taħriġ u konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

m) Tassigura li jkun hemm immaniġġjar effettiv ta' riżorsi u tmexxija xierqa lill-ħaddiema taħt superviżjoni;

n) Twettaq dmirijiet oħra kif mitlub mill-kap tad-Dipartiment jew mis-Segretarju Permanenti jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha;

o) Taqdi dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet

l) Participating in training and conferences both locally and abroad;

m) Carry out effective management of resources and provide strong leadership to staff under supervision;

n) Carrying out any other duties as assigned by the Head of Department and the Permanent Secretary or his/her representative;

o) Carrying out any other duties according to exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment

fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża b'mod effettiv;

(iii) (a) Fil-pussess ta' kwalifika Masters rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi mibdija minn Ottubru 2008) f'oqsma relatati jew kwalifika professjonali kumparabbli, flimkien ma' tliet snin (3) esperjenza ta' xogħol rilevanti, li minnhom sena (1) trid tkun f'pożizzjoni ta' management kumparabbli ma' Skala 8 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku;

Jew

(b) Jokkupaw il-pożizzjoni fuq bażi personali, u li l-ħatra tagħhom f'din il-pożizzjoni ġiet ikkonfermata.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 Biex jiġi dditerminat u kkumparat il-livell ta' responsabbiltà tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u tal-ħaddiema tal-RSSL mal-livell ta' responsabbiltà meħtieġ minn uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-Direttur/HR Manager responsabbli tal-entità rispettiva tas-Settur Pubbliku.

5.4 L-arranġament preżenti, fejn ħaddiema tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entità rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entità, f'każ li ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-pożizzjoni.

5.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate effectively in the Maltese and English languages;

(iii) (a) In possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in relevant areas or a comparable professional qualification, plus three (3) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position comparable to scale 8 level or higher in the Public Service;

Or

(b) An incumbent in the particular position on a personal basis who has been confirmed in the position.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 To determine the comparable level of responsibility of Public Sector employees currently performing duties in the Public Service and RSSL employees to the level of responsibility required of public officers applying for this position, the Selection Board should invariably and formally consult the Director/HR Manager responsible for the respective Public Sector entity.

5.4 The current arrangement, whereby Public Sector employees performing duties in the Public Service remain on the books of the respective entity, shall continue to apply in the case of Public Sector employees who are selected for the position, subject to the consent of the entity.

5.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1)

awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għallapplikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata fil-qasam tal-imanniġġjar tal-fondi tal-Unjoni Ewropea f'Aġenziji Ċentrali.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, permezz tar-Recruitment Portal biss (http://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a) kif ukoll Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat (fil-każ ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku) jew Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jiddikjara jekk qatt kienx fis-Servizz Pubbliku u jingħataw id-dettalji (fil-każ ta' persuni

month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience in EU Fund Management in Central Agencies.

Submission of Applications

8. Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for European Affairs and Equality, through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47), in PDF format (in case of Public Service Employees) or a Certificate of Conduct in PDF format issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application, and state whether they have ever been in Government Service giving details (in case of non-Public Service employees), which are

li mhumiex ħaddiema fis-Servizz Pubbliku), li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, u ħaddiema tal-RSSL, dawn għandhom jissottomettu paid/unpaid Leave u Sick Leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru. Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2019. Tintbagħat ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter bħala rċevuta li l-applikazzoni tkun daħlet. Aktar dettalji dwar is-sottomisjonijiet tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, 31B Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (www.meae.gov.mt) u (hr.meae@gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2019

to be uploaded through the Portal. In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service and RSSL employees, these are to submit their paid and unpaid Leave and Sick Leave records for the last four years, including any records of any disciplinary actions that may have been taken in the absence of which, it will be understood that no disciplinary action was ever taken. In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service, they are also to produce confirmation from the DCS of the Ministry where they are performing duties, that they are officially performing duties in such Ministry. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Ministry for European Affairs and Equality, 31B Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (www.meae.gov.mt) and (hr.meae@gov.mt).

23rd August, 2019

MINISTERU GHAS-SAĦĦA

Post ta' Consultant Genetics fid-Dipartiment tal-Patoloġija, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Resourcing and Employee Relations), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Consultant Genetics fid-Dipartiment tal-Patoloġija, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Consultant Genetics huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2019 huwa €35,251 fis-sena,

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Consultant Genetics tirrapporta direttament lill-Clinical Chairperson tad-Dipartiment tal-Patoloġija.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra tali, u suġġetta għall-kundizzjonijiet u l-obbligi l-oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Consultant Genetics jinkludu fost l-oħrajn li:

a) tkun parti mid-Dipartiment tal-Patoloġija u tkun direttament responsabbli lejn il-Clinical Chairperson;

b) tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità tagħha skont l-istandards tal-kwalità tal-professjoni;

c) tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Patoloġija, tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, tattendi regolarment għal laqgħat kliniċi u tieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalità u verifika;

d) tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni futura oħra ta' servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa;

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant Genetics in the Department of Pathology at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Resourcing and Employee Relations), Ministry for Health invites applications for the post of Consultant Genetics in the Department of Pathology at Mater Dei Hospital, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant Genetics is Salary Scale 4, which in the year 2019 is equivalent to €35,251 per annum.

2.3 The Consultant Genetics shall report to the Clinical Chairperson, Department of Pathology.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

Duties

3.1 The duties of Consultant Genetics include amongst others:

a) forming part of the Department of Pathology and be directly accountable to the Clinical Chairperson;

b) providing all clinical care within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession;

c) taking part in the activities of the Department of Pathology, participating in its teaching and research programmes, attending regularly at clinical meetings and partaking in the process of quality assurance and audit;

d) providing specialized services in other hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme;

e) iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-clinical/medical genetics u tieħu sehem f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Persuna maħtura tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet kollha rilevanti;

f) tipparteċipa fil-ħidma tad-dipartiment hekk kif assenjat mill-Clinical Chairperson tad-Dipartiment tal-Patoloġija;

g) tikkollabora ma' u tagħti pariri lil membri oħra tal-istaff mediku u tal-allied health dwar materji li jirrigwardja l-ispeċjalità;

h) tinvolvi ruħha fis-superviżjoni ta' junior staff, flimkien ma' persunal ieħor lokali jew barrani fuq żjara u taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rigward tagħhom;

i) tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ undergraduate u postgraduate kif meħtieġ u tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka;

j) twaqqaf mekkaniżmi xierqa biex tiżgura kwalità tas-servizzi u ta' verifika medika;

k) tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-eżiġenzi tas-servizz, meta tkun on call;

l) taqsam ir-riżorsi ma' konsulenti u firms eżistenti. Il-persuna maħtura għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha jkunu tal-ogħla livell possibbli;

m) tkopri għas-sessjonijiet ta' filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fuq bażi ta' roster;

n) tista' tkun mitluba tiprovdi servizz on call barra l-ħin normali;

o) tista' tkun meħtieġa li tagħmel xogħol fil-laboratorju li jkun jinkludi rappurtaġġ u awtorizzazzjoni ta' riżultati;

p) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

q) twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

e) keeping abreast with the current developments in the field of medical/clinical genetics and participating in postgraduate meetings locally and abroad. He/She will be required to involve himself/herself in the on-going education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of all relevant facilities;

f) participating in the work of the Department as assigned by the Clinical Chairperson of the Department of Pathology;

g) liaising with and advising other members of the medical and allied health on matters pertaining to the specialty;

h) being involved in the supervision of junior staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and ensuring the implementation of a continuous training and education programme in their respect;

i) participating in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and being involved in ongoing research programmes;

j) establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit;

k) being required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service when on call;

l) sharing resources with existing consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

m) providing cover for morning, afternoon and evening sessions on a roster basis;

n) may be required to provide an on call service outside normal hours;

o) may be required to carry out duties in the laboratory which includes reporting and authorisation of results;

p) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

q) carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the healthcare services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) profiċjenti fil-lingwa Maltija u Ingliża;

Qed jiġi hawnhekk innutat li kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija jistgħu jibqgħu jitqiesu sakemm, kandidati magħżula għandhom jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien sena (1) mill-ingaġġ, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) proficient in the Maltese and English Language;

It is hereby being noted that candidates who are not proficient in the Maltese Language may still be considered as long as selected candidates must provide evidence of basic proficiency in the Maltese Language within one (1) year of engagement by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 of the University of Malta. The course officially

dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 u Part 2 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Konsulenti li ma' jkunux kisbu dan iċ-ċertifikat fi żmien ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jridu jiġu mħallsa mill-kandidati prospettivi magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jiġu applikati biex jitħallsu lura permezz tal-iSkema tal-Continuous Medical Education (CME).

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Genetics miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta: jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Genetics miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalististi ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li jindika li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jkun mitlub għall-Genetics; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-Genetics, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun reġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-Genetics.

4.3 L-applikant magħżul li jkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u 4.2 (iii) (c) hawn fuq irid ikun imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u jrid ikun ukoll irreġistrat bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għas-Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' kwalunkwe diffikultà l-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għandu jkun mitlub.

leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 and Part 2 run by the Department of Maltese of the University of Malta. Consultants who would have not obtained this certification within the probationary period, will be given a onetime extension to successfully obtain this certification. Any related course and assessment fees are to be paid by prospective selected candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Medical Education (CME) Scheme.

4.2 By closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

(i) listed in the Specialist Register of Genetics kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) approved for inclusion in the Specialist Register of Genetics kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) (a) profiċjenti fil-lingwa Maltija. Kandidati li mhumiex profiċjenti fil-lingwa Maltija xorta ser jiġu kkunsidrati imma jridu jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel il-konferma tal-ħatra li hi fi żmien sitt (6) xhur, billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Università ta' Malta. Il-kors li uffiċjalment iwassal għal dan l-eżami huwa l-Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 immexxi mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta. Pharmacy Technicians impjegati li ma jiksbux dan iċ-ċertifikat fiż-żmien ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba ta' sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat, qabel il-konferma tal-ħatra tagħhom. Kwalunkwe ħlas relatat mal-kors jew assessjar tiegħu jrid jiġi mħallas mill-kandidati prospettivi magħżula. Madankollu, tali spejjeż jistgħu jitħallsu lura billi wieħed japplika permezz tal-iskema tal-Continuous Professional Development (CPD).

U

(b) profiċjenti fil-lingwa Ingliża

Jew billi

jipprovdu, sad-data tal-intervista, evidenza li l-kwalifika primarja ġiet segwita bil-lingwa Ingliża;

JEW

jipprovdu sad-data tal-intervista, ċertifikat validu tal-IELTS (International English Language Testing System) ta' band score medju ta' 6 jew ogħla f'dominji ta' komprensjoni, qari, kitba u lingwa mitkellma. Kwalifika ċċertifikata ekwivalenti għal IELTS Livell 6 (ta' band score medju ta' 6) eż. GCSE/ Cambridge Grad Ċ, TOEFL (IBT) : 60-80, CEFR: B2 jkunu wkoll aċċettati;

JEW

billi jipprovdu dokumentazzjoni li turi tal-inqas sitt (6) xhur esperjenza ta' xogħol iċċertifikata full-time bħala Pharmacy Technician fir-Renju Unit jew fl-Irlanda jew kwalunkwe pajjiż ieħor fejn l-Ingliż huwa mitkellem u huwa l-lingwa primarja u/jew uffiċjali.

and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applications will also be considered from candidates who are third country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 4.1 (i), provided that they satisfy the requirements stated in paragraph 4.1 (ii) to 4.3. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) (a) proficient in the Maltese Language. However, candidates who do not possess proficiency in the Maltese language will still be considered but must provide evidence of basic proficiency in the Maltese Language before confirmation of appointment, which is six (6) months, by being successful in the examination in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 of the University of Malta. The course officially leading to this examination is the Course in Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 run by the Department of Maltese of the University of Malta. Pharmacy Technicians engaged who would have not obtained this certification within the probationary period of six (6) months, will be given a onetime extension of six (6) months to successfully obtain this certification, prior to confirmation of their appointment. Any related course and assessment fees are to be paid by prospective selected candidates. However, such expenses may be claimed through the Continuous Professional Development (CPD) Scheme.

AND

(b) proficient in the English language

Either

by providing proof by the interview date, that the primary qualification was undertaken in the English language;

OR

by providing by the interview date, a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) of average band score of 6 or above in the listening, reading, writing and speaking domains. A certified equivalent qualification to IELTS (Overall Band Score 6) e.g. GCSE/ Cambridge: Grade C, TOEFL (IBT): 60-80, CEFR: B2 will also be accepted.

OR

by providing documentation showing at least 6-month Full Time Equivalent certified work experience as a Pharmacy Technician in the United Kingdom, Ireland or any other English Speaking country where English is the primary and/ or the official language.

U

(iii) rreġistrati mal-Kunsill tal-Ispiżjara ta' Malta bħala Pharmacy Technician;

U

(iv) fil-pussess ta' kwalifika xierqa f'Livell 4 tal-MQF b'minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, jew kwalifika rikonoxxuta kumparabbli.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew li ma ġewx approvati għall-kwalifika u reġistrazzjoni speċifikat fil-paragrafi 4.1 (iii) u 4.1(iv) jew kif indikat f'4.2 xorta jiġu kkunsidrati basta jissottomettu evidenza li huma se jiksbu jew jiġu approvati għal tali kwalifika u reġistrazzjoni sal-aħħar ta' Diċembru, 2019. Jekk jintgħażlu, tali kandidati għandhom jipproduċu l-kwalifika u reġistrazzjoni indikata qabel il-ħatra. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-kandidat li jgħaddi b'suċċess jiġi skwalifikat mir-riżultat.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew

AND

(iii) registered with the Pharmacy Council of Malta as Pharmacy Technician;

AND

(iv) in possession of an appropriate qualification at MQF Level 4 with a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent, or a comparable recognised qualification.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualification will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by closing time and date of the call of applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained or been approved for the qualification and registration specified in paragraphs 4.1(iii) and 4.1(iv) or as being indicated in 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they will obtain or be approved for such qualification and registration by the end of December, 2019. If selected, such candidates must produce the qualification and registration indicated before appointment. If the deadline is not met, the successful candidate will be disqualified from the result.

4.4 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month

awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt l-ebda ċirkostanza.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tar-Resourcing and Employee Relations, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, jew tad-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 2000, permezz tar-Recruitment Portal biss (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, f'format PDF, li għandhom jiġu mtellgħa permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala

from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, or the Corporate Services Directorate, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 2000, through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 6th September, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details

rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat tar-Resourcing and Employee Relations, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, jew mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604 u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huwa (recruitment.health@gov.mt).

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali huwa (http://family.gov.mt/en/Pages/Family%20EN%20homepage.aspx) li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' ittra elettronika (recruitment.mfcs@gov.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2019

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' Amministratur taċ-Ċentru (Skola tal-Mużika) fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Resourcing and Employee Relations Directorate, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, or by the Corporate Services Directorate, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604 and the email address of the Directorate is (recruitment.health@gov.mt).

The website address for the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity is (http://family.gov.mt/en/Pages/Family%20EN%20homepage.aspx) and the email address is (recruitment.mfcs@gov.mt).

23rd August, 2019

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Position of Centre Administrator (School of Music) in the Mikiel Anton Vassalli College within the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero

forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

2.0 Tul tal-Assignment u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tinħatar fil-pożizzjoni ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena.

3.0 Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 6 (li fis-sena 2019 huwa ta' €25,779.00 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €596.33 sa massimu ta' €29,357.00).

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għal ħlas ta' Performance Bonus annwali sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku u suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti.

4.0 Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) jinkludu li:

1. Jaċċerta l-provvediment ta' ambjent ta' tagħlim inklussiv, u jaċċerta aċċess ekwu għall-persuni kollha b'rispett lejn id-diversità;

2. Jippromovi l-iżvilupp u t-tisħiħ kontinwu tal-Mużika bħala element ewlieni tal-edukazzjoni f'Malta u f'Għawdex;

3. Ifassal programmi ta' tagħlim li jwasslu għall-iżvilupp ta' eċċellenza artistika u ħiliet professjonali fl-istudenti, li jgħinuhom jiksbu l-potenzjal tagħhom fi ħdan industriji kulturali u kreattivi;

4. Jiżviluppa programmi ta' tagħlim għall-adulti li jgħinuhom iwessgħu l-apprezzament tagħhom tal-arti viżiva u performattiva;

tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.0 Introduction

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment, invites applications for the position of a Centre Administrator (School of Music) in the Mikiel Anton Vassalli College within the Ministry for Education and Employment (MEDE).

2.0 Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will be appointed in the position of a Centre Administrator (School of Music) in the Mikiel Anton Vassalli College within the Ministry for Education and Employment (MEDE).

2.2 The position of a Centre Administrator (School of Music) in the Mikiel Anton Vassalli College within the Ministry for Education and Employment (MEDE) is subject to a probationary period of one year.

3.0 Salary Pegged to the Position

3.1 The salary attached to the position of a Centre Administrator (School of Music) is equivalent to Salary Scale 6 (which in the year 2019 is €25,779.00 per annum rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €29,357.00).

3.2 The selected applicant will be entitled to an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of the basic salary and subject to satisfactory performance.

4.0 Duties

4.1 The duties of a Centre Administrator (School of Music) include:

1. Ensuring the provision of an inclusive learning environment, ensuring equitable access to all persons in respect of diversity;

2. Promoting the ongoing development and strengthening of Music as a key element of education in Malta and Gozo;

3. Developing learning programmes that lead to the development of artistic excellence and professional skills of learners, enabling them to fulfil their potential within the cultural and creative industries;

4. Developing learning programmes for adults that enable them to widen their appreciation of the visual and performing arts;

5. Jikkopera ma' Ċentri oħrajn għall-Arti Viżiva u Performattiva fil-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli biex joffri esperjenza koerenti ta' tagħlim kif ukoll biex joħloq tagħlim u proġetti kollaborattivi;

6. Jaċċerta li l-korsijiet kollha offruti fiċ-Ċentru jingħataw rati fil-Qafas għall-Kwalifiki ta' Malta skont il-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli u jikseb il-kollaborazzjoni tal-għalliema u l-edukaturi tal-adulti biex dan l-għan jintlaħaq;

7. Jissorvelja l-assessjar tal-istudenti biex dan l-eżerċizzju jkun ibbażat fuq riżultati tat-tagħlim kif stabbilit mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli;

8. Jikkordina timetables, jimmonitorja l-attendenza tal-istudenti u kontinwament jaġġorna l-istatistiki u r-rekords tal-iskola;

9. Jiżgura ordni u dixxiplina u jippromovi relazzjoni sana bejn l-istaff u l-komunità tal-istudenti;

10. Joffri konsulenza privata individwali u servizzi ta' gwida lill-istudenti;

11. Joffri għajnuna professjonali u possibbiltajiet għal żvilupp kontinwu professjonali lill-istaff tal-għalliema;

12. Joffri possibbiltajiet għal aktar taħriġ, taħriġ fil-ħiliet u aġġornament tal-ħiliet għall-istaff professjonali u anċillari li jkunu qegħdin jagħtu servizz, ikun liema jkun, fiċ-ċentru;

13. Jimmonitorja l-indafa fl-iskola u jara li jkun hemm manutenzjoni xierqa u li jsiru dawk is-servizzi meħtieġa lill-bini, faċilitajiet u tagħmir taċ-ċentru;

14. Jipprepara l-baġit kapitali u rikorrenti tal-iskola fi ħdan il-parametri u l-prijoritajiet stabbiliti mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli;

15. Jimmaniġġja u jikkontrolla l-fondi skont ir-regolamenti finanzjarji stabbiliti mill-Gvern u jżomm rekords tat-tranżazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita;

16. Jivverifika u japprova l-ħlasijiet tax-xahar tal-edukaturi għall-adulti part-time;

17. Jaqdi dmirijiet marbutin mal-Kunsill tal-Iskola skont ir-regoli u r-regolamenti tal-Kunsilli tal-Iskejjel;

18. Iħejji pjanijiet għall-iżvilupp annwali għall-Iskola bil-koperazzjoni tal-istaff u l-komunità tal-istudenti;

19. Iwaqqaf rabtiet mal-istakeholders barra mill-Iskola u ma' komunitajiet differenti biex jgħin liċ-Ċentru joffri

5. Co-operating with other Centres for Visual and Performing Arts within the Mikiel Anton Vassalli College to offer a coherent learning experience and also to create collaborative learning and performance projects;

6. Ensuring that all courses offered at the School are level rated on the MQF within the timeframe established by the Mikiel Anton Vassalli College and securing the collaboration of teachers and adult educators so that this aim is reached;

7. Overseeing the assessment of learners so that it is based on learning outcomes as established by the Mikiel Anton Vassalli College;

8. Coordinating time-tables, monitoring the attendance of the learners and continuously updating school statistics and records;

9. Ensuring order and discipline and promoting a healthy relationship between the staff and the learning community;

10. Offering individual mentoring and guidance services to learners;

11. Offering professional support and possibilities for continuous professional development for the teaching staff;

12. Offering possibilities for further training, skilling and upskilling for all other professional and ancillary staff giving any kind of service in the centre;

13. Monitoring the school's cleanliness and seeing to the proper maintenance and servicing of the centre's building, facilities and equipment;

14. Preparing the capital and recurrent school budget within the parameters and priorities set by the Mikiel Anton Vassalli College;

15. Managing and controlling funds according to established Government financial regulations and recording all transactions according to established practice;

16. Verifying and endorsing the monthly payments of part-time adult educators;

17. Performing duties connected with the Centre Council in accordance with the rules and regulations of School Councils;

18. Preparing annual development plans for the School in cooperation with the staff and the learning community;

19. Establishing links with stakeholders outside the School and with different communities to enable the Centre

esperjenza ta' tagħlim rilevanti u diversifikata għall-istudenti u esperjenzi li jsaħħu professjonalment lill-istaff;

20. Iżomm inventarju dettaljat tal-Iskola u r-riżorsi u amenitajiet tagħha skont ir-regolamenti preskritti;

21. Meta jinħtieġ, jattendi laqgħat jew attivitajiet oħrajn f'Malta u barra li jgħinu fit-twettiq tal-għanijiet u l-iskopijiet tal-Iskola;

22. Iżomm kuntatt u jikkollabora mal-maniġment tal-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli;

23. Iwettaq dmirijiet oħrajn kif ikun delegat mill-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli u/jew mid-Direttur Ġenerali Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà;

24. Iwettaq dmirijiet oħrajn kif ikun determinat minn żmien għal żmien mis-Segretarju Permanenti MEDE;

25. Iwettaq kull dmir ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif dirett mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna fil-pożizzjoni ta' Amministratur ta' Ċentru (Skola tal-Mużika) għandha sservi f'Malta u tista' tintbagħat taqdi dmirijietha f'ċentri għat-tagħlim tal-adulti kif immaniġġjati mid-Dipartiment għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà fuq timetable flessibbli ta' xogħol.

5.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

to offer a relevant and diversified learning experience for learners and professionally enriching experiences for the staff;

20. Keeping a detailed inventory of the School and its resources and amenities according to prescribed regulations;

21. When required, attending meetings or other activities in Malta and abroad that are pertinent to reaching the aims and goals of the School;

22. Liaising and collaborating with the management of the Mikiel Anton Vassalli College;

23. Performing other duties as delegated by the Mikiel Anton Vassalli College and/or the Director General Curriculum, Lifelong Learning and Employability;

24. Carrying out other duties as may be determined from time to time by the Permanent Secretary MEDE;

25. Carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 The Centre Administrator (School of Music) shall serve in Malta and may be deployed in adult learning centres as managed by the Department for Curriculum, Lifelong Learning and Employability on a flexible working timetable.

5.0 Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) be citizens of Malta; or

(b) be citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) be citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) be any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u Expatriates fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(iii) fil-pussess ta' kwalifika Masters rikonoxxuta f'Livell 7 MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Edukazzjoni tal-Mużika jew fl-Arti Performattiva, jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali kumparabbli, flimkien ma' sentejn (2) ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti; JEW

(iv) fil-pussess ta' kwalifika Bachelors rikonoxxuta f'Livell 6 MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fl-Edukazzjoni tal-Mużika jew l-Arti Performattiva, jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali kumparabbli, flimkien ma' erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti; JEW

(v) Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux taħt Skala 10, li l-ħatra tagħhom f'dik l-iskala ġiet ikkonfermata, jew impjegati fis-Settur Pubbliku li jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew impjegati tal-RSSL, it-tnejn f'livell kumparabbli ta' responsabbiltà u li l-ħatra tagħhom f'dak il-livell ġiet ikkonfermata, flimkien ma seba' (7) snin esperjenza ta' xogħol relatat.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess

(e) be third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in both the English and Maltese languages;

(iii) in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Music Education or in the Performing Arts or in a related area of study or a comparable professional qualification, and two (2) years relevant work experience; OR

(iv) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Music Education or in the Performing Arts or in a related area of study or a comparable professional qualification, and four (4) years relevant work experience; OR

(v) Public Officers in a Scale not below Scale 10, whose appointment in such scale has been confirmed, or Public Sector employees performing duties in the Public Service or RSSL employees, both at a comparable level of responsibility and whose appointment in such level has been confirmed, with seven (7) years relevant work experience.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in

il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

6.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun uploaded mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn ta' xogħol (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taħt ebda ċirkostanza.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.0 Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 120.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

8.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni biss (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom

question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

6.0 Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which must be uploaded on the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt), when you apply. Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.0 Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 200 and the pass mark is 120.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

8.0 Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted through the Online Education Recruitment Portal only (http://edurecruitment.gov.mt). Applications are to

jinkludu curriculum vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a) kif ukoll Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat f'format PDF, li għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Portal.

Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, u ħaddiema tal-RSSL, dawn għandhom jissottomettu paid/unpaid Leave u Sick Leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja).

Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, dawn għandhom jipproduċu wkoll konferma mingħand id-DCS tal-Ministeru fejn qed iwettqu d-dmirijiet li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-Ministeru.

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2019.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' ittra elettronika li tinfurmak li l-applikazzjoni tiegħek waslet. Jekk teħtieġ assistenza, ġentilment ikkuntattja Edu Servizz. gov fuq in-numru tat-telefown 153.

8.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

8.3 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.0 Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9.1 Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 8.1 hawn fuq);
żamma ta' dokumenti,

include a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47), in PDF format, which are to be uploaded through the Portal.

In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service and RSSL employees, these are to submit their paid and unpaid Leave and Sick Leave records for the last four years, including any records of any disciplinary actions that may have been taken in the absence of which, it will be understood that no disciplinary action was ever taken.

In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service, they are also to produce confirmation from the DCS of the Ministry where they are performing duties, that they are officially performing duties in such Ministry.

The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 9th September, 2019.

An automatic receipt will be sent to your email informing you that your application was submitted successfully. Should you require assistance with the application kindly contact Edu Servizz.gov on telephone number 153.

8.2 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

8.3 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

9.0 Other General Provisions

9.1 Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details (not applicable in view of paragraph 8.1);
retention of documents,

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Awwissu, 2019

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

Pożizzjoni ta' Leader Statistics and Finance fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Leader Statistics and Finance fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali.

Tul tal-Assignment u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' sena (1) bħala Leader Statistics and Finance fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Leader Statistics and Finance hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

2.4 Din il-pożizzjoni tista' tiġi kofinanzjata mill-European Union's Rights, Equality and Citizenship Programme 2014-2020.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Leader Statistics and Finance huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €26,808.83 fl-2019), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra, jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Leader Statistics and Finance jinkludu li:

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for application.

23rd August, 2019

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS
AND NATIONAL SECURITY

Position of Leader Statistics and Finance within the Ministry for Home Affairs and National Security

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director Corporate Services, Ministry for Home Affairs and National Security invites applications for the position of Leader Statistics and Finance within the Ministry for Home Affairs and National Security.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a one (1) year assignment as Leader Statistics and Finance in the Ministry for Home Affairs and National Security**,** which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Leader Statistics and Finance is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-23 ta' Awwissu, 2019

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Uffiċċju tar-Regolatur PII

L-Uffiċċju tar-Regolatur, PII jgħarraf il-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess (EOI), għall-kiri ta' uffiċċju, f'żona ċentrali, li għandu jkollu firxa ta' madwar 130m^2 li jinkludi amenitajiet oħra ta' uffiċċju. Il-kirja inizjali hija għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded għal perjodu itwal. Il-ħtiġiet tekniċi u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba f'din l-EOI jistgħu jinkisbu billi wieħed jibgħat ittra elettronika lil (oriip.opm@gov.mt) jew iċempel fuq 2200 4381.

Is-sottomissjonijiet għal din l-EOI għandhom jitwasslu għand l-Uffiċċju tar-Regolatur bl-idejn f'envelop opak issiġillat u ddepożitat f'kaxxa ssiġillata fl-Uffiċċju tar-Regolatur, PII, Evans Building, it-tieni sular, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard mill-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Settembru, 2019.

It-23 ta' Awwissu, 2019

CFT 020-0805/19. Consumables for SLE neonatal ventilator 5000

CFT 009-0806/19. Supply, installation, and maintenance of air conditioning units at SPBH

CFT 020-0807/19. Retractors with cap for port insertion

CFT 020-0808/19. Knee length anti-embolism stockings -Small, Medium, Large, XL

CFT 021-0809/19. Magnesium Hydroxide Mixture

CFT 021-0810/19. Prochlorperazine 12.5mg injections

CFT 020-0811/19. Consumables for DVT Compression Therapy System

CFT 019-0812/19. Supply of qty eight (8) pneumatically operated power drills/saws for the Operating Theatre Department at Mater Dei Hospital

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

23rd August, 2019

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Office of the Regulator IIP

The Office of the Regulator, IIP notifies the issuance of an Expression of Interest (EOI) for the leasing of office premises, in a central area, having a floor area of around 130m^2 which should include other related office amenities. The initial agreement will be for a period of five years which may be renewable for a further period. The technical requirements and specifications being requested in this EOI may be obtained by sending an email to (oriip.opm@gov.mt) or by phoning on 2200 4381.

Submissions for the EOI must reach the ORIIP by hand in a sealed opaque envelope and deposited in a sealed box at the Office of the Regulator, IIP, Evans Building, Level 2, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than Friday, 20th September, 2019, at 10.00 a.m.

23rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet elettroniċi jintlaqgħu sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2019, għal:

Kwot. Nru. TM Kwot_004/2019. Hosting ta' avveniment fit-30 u l-31 ta' Ottubru bħala parti mill-Proġett ENERNETMOB taħt il-Programm tad-DU Interreg MED.

Il-parteċipazzjoni hija mingħajr ħlas.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu *online* biss fuq (http://etenders.gov.mt).

Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* ħalli jaċċessaw dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota għall-*workshop* li se jiġi organizzat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi se jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Aktar informazzjoni tinkiseb mid-dokument tal-offerta.

It-23 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:

Electronic quotations will be received up to 9.30 a.m. of Tuesday, 3rd September, 2019, for:

Quot. No. TM Quote_004/2019. Hosting of an Event on the 30th and 31st October as part of the ENERNETMOB Project funded under the DU Interreg MED Programme.

Participation is free of charge.

Quotations are to be submitted online ONLY on (http://etenders.gov.mt).

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

23rd August, 2019

INTERREG Mediterranean
EnerNETMob

INTERREG Mediterranean
EnerNETMob

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet elettroniċi jintlaqgħu sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2019, għal:

Kwot. Nru. TM Kwot_005/2019. Provvediment ta' post u servizzi ta' catering għal konferenza fid-9 ta' Ottubru, 2019

Il-parteċipazzjoni hija mingħajr ħlas.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu online biss fuq (http://etenders.gov.mt).

Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:

Electronic quotations will be received up to 9.30 a.m. of Tuesday, 3rd September, 2019, for:

Quot. No. TM Quote_005/2019. Provision of a venue and catering services for a conference on the 9th October, 2019

Participation is free of charge.

Quotations are to be submitted online ONLY on (http://etenders.gov.mt).

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession

eID ħalli jaċċessaw dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għall-offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops li se jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi se jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Aktar informazzjoni tinkiseb mid-dokument tal-offerta.

It-23 ta' Awwissu, 2019

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi:

Offerti elettroniċi jintlaqgħu sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 20 ta' Settembru, 2019, għal:

Avviż Nru. TM037/2019. Provvista u konsenja ta' Weather Stations

Il-parteċipazzjoni hija mingħajr ħlas.

L-offerti għandhom jintbagħtu online biss fuq (http://etenders.gov.mt).

Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID ħalli jaċċessaw dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops li se jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi se jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Aktar informazzjoni tinkiseb mid-dokument tal-offerta.

It-23 ta' Awwissu, 2019

of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

23rd August, 2019

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:

Electronic tenders will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 20th September, 2019, for:

Advt No. TM037/2019. Supply and delivery of Weather Stations.

Participation is free of charge.

Tenders are to be submitted online ONLY on (http://etenders.gov.mt).

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

23rd August, 2019

INTERREG Italja-Malta
Calypso South
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

INTERREG Italy-Malta
Calypso South
European Regional Development Fund (ERDF)

KUNSILL LOKALI L-QALA

Il-Kunsill Lokali l-Qala jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Qala permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, 2019, għal:

Avviż Nru. QLLC/05/2019. Servizzi ta' Project Manager, Project Coordinator u Project Activities Organiser

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Awwissu, 2019

QALA LOCAL COUNCIL

The Qala Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Qala Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 13th September, 2019, for:

Advt No. QLLC/05/2019. Services of a Project Manager, Project Coordinator and Project Activities Organiser

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd August, 2019

Kofinanzjat mill-Programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini tal-Unjoni Ewropea

Co-funded by the Europe for Citizens Programme of the European Union



KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat, ix-Xagħra u x-Xewkija jgħarrfu illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, 2019, għal:

Avviż Nru. Refuse Collection/2019. Servizz ta' ġbir ta' skart domestiku mil-lokalitajiet Ta' Sannat, ix-Xagħra u x-Xewkija b'mod li jitħares l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Awwissu, 2019

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat, Xagħra and Xewkija Local Councils notify that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Friday, 13th September 2019, for:

Advt. No. Refuse Collection/2019. Service tender for the collection of household waste from the localities of Ta' Sannat, Xagħra and Xewkija in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

23rd August, 2019

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Sejħiet għall-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Pembroke, sa 9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2019, għal:

EOI Nru. PLC/EOI/02/2019. Servizz professjonali ta' animators għall-Junior Science Club.

(Dokument jinġabar mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill).

It-23 ta' Awwissu, 2019

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Applications will be received at the Pembroke Local Council, up to 9.30 a.m. of Monday, 23rd September, 2019, for:

EOI No. PLC/EOI/02/2019. Call of application for Junior Science Club animators.

(Document is to be collected from Pembroke Local Council Administrative office).

23rd August, 2019

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf li:

Sejħiet għall-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Mosta, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2019, għal:

EOI Nru. KLM/EOI/02/2019. Servizz professjonali ta' Animators għall-Klabb tal-Junior Science

(Dokument jinġabar mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mosta.)

It-23 ta' Awwissu, 2019

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:

Applications will be received at the Mosta Local Council, up to 9.30 a.m. of Monday, 23rd September, 2019, for:

EOI No. KLM/EOI/01/2019. Call of application for Junior Science Club Animators

(Document is to be collected from Mosta Local Council Administrative office.)

23rd August, 2019

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1232

ARB/C043/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Awwissu, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Audrey Demicoli LLD). Kumpilazzjoni numru 504/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Colin Sheldon)

Kontra

ANDREJ KRSTIKJEVIKJ, fitness instructor, ta' 35 sena, bin Sreten, u Fini xebba Andonova, imwieled fil-Montenegro fil-15 ta' Mejju, 1984, mingħajr ebda indirizz fiss f'Malta u detentur ta' dokument ta' identità Germaniża bin-numru Y0H2817NX.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha

ARB/C043/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th August, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Audrey Demicoli LLD). Compilation Number 504/2019 in the case:

The Police
(Inspector Colin Sheldon)

Versus

ANDREJ KRSTIKJEVIKJ, fitness instructor, 35 years, son of Sreten, and Fini née Andonova, born in Montenegro on the 15th May, 1984, without a fixed address in Malta and holder of German identification document bearing number Y0H2817NX.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable

li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ANDREJ KRSTIKJEVIKJ u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imsemmi akkużat jirċievi sal-ammont li ma jeċċediex it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 19 ta' Awwissu, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

property due to or pertaining or belonging to ANDREJ KRSTIKJEVIKJ and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 19th August, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1233

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-6 ta' Awwissu, 2019, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Abela Maurice et (KI 774052M) vs YMCMB Limited (C 59560), Rikors Numru 393/19 TA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata YMCMB Limited (C 59560), a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Maurice Abela (KI 774052M) u Francesca Natalizia sive Fransina Abela (KI 79051M) vs YMCMB Limited (C 59560) fit-22 ta' April, 2019, ir-rikorrenti Maurice Abela (KI 774052M) u Francesca Natalizia sive Fransina Abela (79051M) talbu lil din l-Onorabbli Qorti dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' €30,000 u tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti l-istess somma.

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 6th August, 2019, in the records of the Sworn Application in the names Abela Maurice et (ID 774052M) vs YMCMB Limited (C 59560), Application Number 393/19 TA, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company YMCMB Limited (C 59560) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court in the names Maurice Abela (ID 774052M) and Francesca Natalizia sive Fransina Abelsa (ID 79051M) vs YMCMB Limited (C 59560) on the 22nd April, 2019, the applicant Maurice Abela (ID 774052M) and Francesca Natalizia sive Fransina Abela (ID 79051M) asked this Honourable Court without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 et sequitur of Cap.12 of the Laws of Malta:

1. To declare that the respondent company is a debtor of the applicant in the sum of €30,000 and condemn the respondent company to pay the applicant the same sum.

Bl-ispejjeż, kif mitluba kontra s-soċjetà intimata, minn issa inġunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Abela Maurice et (KI 774052M) vs YMCMB Limited (C 59560), Rikors Numru 393/19 TA, jinsab differit għas-smigħ għas-26 ta' Settembru, 2019, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Awwissu, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, as demanded against the respondent company from now summoned so that a reference its evidence be made.

The Sworn Application in the names Abela Maurice et (ID 774052M) vs YMCMB Limited (C 59560), Application Number 393/19 TA, has been put for hearing to the 26th September, 2019, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th August, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1234

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-1 ta' Awwissu, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Catania Claire (KI 292478M) vs Xuereb Godwin (KI 435169M), Rikors Numru 192/19 AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Godwin Xuereb (KI 435169M), a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Claire Catania (KI 292478M) vs Godwin Xuereb (KI 435169M) fit-2 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrenti Claire Catania (KI 292478M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

Illi billi l-fatti kif imsemmija fir-rikors jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Ir-Rikors fl-ismijiet Catania Claire (KI 292478M) vs Godwin Xuereb (KI 435169M) jinsab differit għas-smigħ għall-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2019, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Blokk B, Flat 20, Triq il-Ħawħa, San Ġwann

Intimat: 54, Dar Ikona, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 20 ta' Awwissu, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 1st August, 2019, in the records of the Application in the names Catania Claire (ID 292478M) vs Xuereb Godwin (ID 435169M), Application Number 192/19 AGV, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Godwin Xuereb (ID 435169M) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the Civil Court (Family Section) in the names Claire Catania (ID 292478M) vs Godwin Xuereb (ID 435169M) on the 2nd May, 2019, the applicant Claire Catania (ID 292478M) asked this Honourable Court:

That as the facts as mentioned in the application satisfy all the conditions required according to Article 66B of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta, ask this Honourable Court:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties and uphold the other demands in the application.

The Application in the names Catania Claire (ID 292478M) vs Godwin Xuereb (ID 435169M) is deferred for hearing to Wednesday, 2nd October, 2019, at 9.00 a.m.

Applicant: Block B, Flat 20, Triq il-Ħawħa, San Ġwann

Respondent: 54, Dar Ikona, Triq Mater Boni Consilii, Fgura

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 20th August, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1235

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-2 ta' Lulju, 2019, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Vodafone Malta Limited vs Mobile Systems Limited, Rikors

By means of a decree given by the First Hall Civil Court on the 2nd July, 2019, in the records of the Sworn Application in the names Vodafone Malta Limited vs Mobile

Ġuramentat Numru 561/19 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Mobile Systems Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-ismijiet Vodafone Malta Limited (C 10865) vs Mobile Systems Limited (C 49536) fis-6 ta' Ġunju, 2019, ir-rikorrenti Vodafone Malta Limited (C 10865) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma fl-ammont ta' mitejn u sebgħa u għoxrin elf u erba' ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€227,004.52) dovuti kif jinghad fir-rikors.

Bl-ispejjeż, oltre l-imgħaxijiet legali sal jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta, rappreżentanti ta' liema huma inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Vodafone Malta Limited vs Mobile Systems Limited, Rikors Numru 561/19 RGM, jinsab differit għas-smigħ għas-26 ta' Settembru, 2019, fl-9.45 a.m.

Soċjetà rikorrenti: Vodafone Malta Limited, Livell 6, Skyparks Business Centre, Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa

Notifika soċjetà intimata: Mobile Systems Limited, 1481, Portomaso, Triq il-Knisja, San Ġiljan, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Awwissu, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Systems Limited, Sworn Application Number 561/19 RGM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company Mobile Systems Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court First Hall in the names Vodafone Malta Limited (C 10865) vs Mobile Systems Limited (C 49536) on the 6th June, 2019, the applicant Vodafone Malta Limited (C 10865) asked this Honourable Court:

1. To decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Articles 167 to 170 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum in the amount of two hundred twenty-seven thousand and four euro and fifty-two cents (€227,004.52) due as stated in the application.

With costs, besides legal interests till the date of effective payment against the defendant company, representatives of which are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names Vodafone Malta Limited vs Mobile Systems Limited, Application Number 561/19 RGM, has been deferred for hearing to the 26th September, 2019, at 9.45 a.m.

Applicant company: Vodafone Malta Limited, Level 6, Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa

Notify respondent company: Mobile Systems Limited, 1481, Portomaso, Triq il-Knisja, St Julian's, Malta

Registry of the Superior Courts, today 20th August, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1236

Billi b'digriet tas-16 ta' Awwissu, 2019, mogħti fuq rikors ta' Joseph Vella, ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2019, fl-atti tar-Rikors numru 1105/2019, fejn fih ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-mejta Maria Meli (KI 589424M), armla ta' Arturo Meli, bint il-mejtin Nazzareno Grima u Vittoria nee Psaila, imwielda Raħal Ġdid, Malta u mietet fis-17 ta' Ottubru, 2018, ta' 94 sena.

Din il-pubblikazzjoni se ssir nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2019, fil-ħamsa u nofs (5.30 p.m.) f'44, Triq Ħal

By means of a decree of the 16th of August, 2019, given on an application of Joseph Vella, filed on the 1st of July, 2019, in the records of application number 1105/2019, wherein it was ordered the publication of the inventory of the estate of the late Maria Meli (ID 589424M), widow of Arturo Meli, daughter of the late Nazzareno Grima and Victoria nee Psaila, born at Paola and died on the 17th of October, 2018, aged 94 years.

This publication is going to be held on Monday, the 2nd of September, 2019, at half past five (5.30 p.m.) at 44, Triq

Luqa, Raħal Ġdid, taħt il-Ministeru tan-Nutar Dr Carmel Gafà.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja), illum 19 ta' Awwissu, 2019

CARMEN SCICLUNA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Ħal Luqa, Paola, under the ministry of Notary Dr Carmel Gafà.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today the 19th of August, 2019

CARMEN SCICLUNA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1237

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Awwissu, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikoli 187(3) u 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-13 ta' Awwissu, 2019, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi taċ-ċens bin-numru 172/2019 ta' Lilian Buttigieg, xebba, impjegata (KI 29877G) versus kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens hawn indikat imsemmi f'din iċ-ċedola ppreżentata fit-13 ta' Awwissu, 2019, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi taċ-ċens hawn fuq imsemmija kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. L-esponenti tesponi bir-rispett:

Illi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Valerie Said, tas-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), hawn anness u mmarkat bħala Dok. A, l-esponenti Lilian Buttigieg akkwistat b'titlu ta' donazzjoni l-fond immarkat bin-numru sebgħa u tletin (37) fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Għawdex, bl-arja libera sovrastanti u bis-sottoswol, flimkien mal-porzjon art fuq il-Lvant u retrostanti l-istess fond, l-intier tal-kejl ta' ċirka mija u erbgħa u disgħin metru kwadru (194 m.k.), kollox konfinanti Tramuntana ma' Triq il-Kbira, Lvant ma' beni ta' Francesca Buttigieg u Nofsinhar ma' beni oħra ta' Rose Buttigieg, kif soġġetta parti minnu għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tnejn u tmenin ċenteżmu (€0.82), liema fond jinsab indikat bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata Dok. B;

Illi l-esponenti tixtieq tifdi dan iċ-ċens fl-intier tiegħu u għalhekk qiegħda tippreżenta dan ir-rikors;

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated the 13th August, 2019, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of sections 187(3) and 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Whereas by a decree dated the 13th August, 2019, in the records of the schedule of deposit and of ground rent number 172/2019 by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section upon an application filed by Lilian Buttigieg, spinster, employed (ID 29877G) versus deputy curator in representation of unknown persons entitled to receive the ground rent mentioned below hereunder in this schedule of deposit and of ground rent mentioned, filed on the 13th August, 2019, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, as well as the other related and subsequent acts. She respectfully premised:

That by virtue of a deed in the acts of Notary Public Valerie Said, of the seventh (7th) February of the year two thousand and nineteen (2019), herewith attached and marked as Document A, the applicant Lilian Buttigieg acquired under title of donation the property numbered thirty-seven (37), Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Gozo, with its airspace and subsoil, together with a plot of ground on the East and behind the same property, the whole property bounded on the North with Triq il-Kbira, West with property of Francesca Buttigieg, and South with property of Rose Buttigieg, as subject in part to the annual and perpetual ground rent of eighty-two cents (€0.82), which property is being marked in red on the plan and site plan herewith attached and marked as Document B;

That the applicant wishes to redeem the ground rent in its entirety and thus is presenting this application;

Illi l-esponenti ma tafx lil min suppost jitħallas dan iċ-ċens;

Illi l-ammont ta' ċens kif spjegat aktar 'il fuq huwa ta' tnejn u tmenin ċenteżmu (€0.82);

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà li tipprovdi l-Liġi ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u tirredimi dan iċ-ċens fl-intier tiegħu illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal sittax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€16.40).

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' sittax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€16.40) fidi ta' ċens dovuti kif spjegat, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-intimat/i wara li titħalla debita riċevuta skont il-Liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda ta' Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 21 ta' Awwissu, 2019

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

DIANE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

That the applicant does not know to whom this ground rent is payable;

That the ground rent described above amounts to eighty-two cents (€0.82);

That the applicant wishes to benefit from the dispositions of Law and, by virtue of Article 1501 of Chap. XVI of the Laws of Malta, redeem the ground rent in its entirety which capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to sixteen euro and forty cents (€16.40).

Therefore, the applicant in order to exonerate herself from any responsibility, is calling upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of sixteen euro and forty cents (€16.40) in redemption of ground rent as explained above, which amount may be freely withdrawn by the respondent/s after due receipt according to Law is tendered.

You, the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court, and to summon whosoever would like to act as curator to appear in this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that they would like to so act.

You are also ordered to inform each and every one that if they fail to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed with the selection of official curators. And after so doing, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to forthwith inform this Court.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the said Court.

This 21st August, 2019

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section

DIANE FARRUGIA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1238

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-6 ta' Ġunju, 2019, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177), ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 5 ta' Settembru, 2019, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 6th June, 2019, on the application of HSBC Bank Malta plc (C 3177), Thursday, 5th September, 2019, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, Level -1, Courts

Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Showroom bla numru u bla isem oriġinarjament magħrufa bħala 'Il-Gorna' jew 'Il-Kenn' fi Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, konfinanti min-Nofsinhar mat-triq fejn hemm il-faċċata, mit-Tramuntana u l-Lvant u l-Punent ma' beni ta' George Schembri jew aventi kawża jew irjieħ oħra verjuri, inkluż l-arja tagħha, libera u franka, stmat li tiswa erba' mija u disgħin elf ewro (€490,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Avantgarde Holdings Limited (C 27163).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 84/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Showroom unnamed and unnumbered previously known as 'Il-Gorna' or 'Il-Kenn' in Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara, bounded on the South by the said street where there is the facade, from North, East and West by property of George Schembri or his successors in title or any correct boundaries, including its airspace, free and unencumbered valued at four hundred and ninety thousand euro (€490,000).

The said tenement is the property of Avantgarde Holdings Limited (C 27163).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 84/2016.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 21st August, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1239

B'digriet tat-21 t'Awwissu, 2019, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors u ċedola ta' kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn J. Zammit Limited fit-8 ta' Awwissu, 2019, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 11/19 fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Capa Tufan (KI 77174A) miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fis-7 ta' Awwissu, 2019.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 21 t'Awwissu, 2019

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 21st August, 2019, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited on the 8th August, 2019, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial sale by auction 11/19 in the names J. Zammit Limited (C 37945) vs Capa Tufan (ID 77174A) held under the authority of the said Court on the 7th August, 2019.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 21st August, 2019

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603